

Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15094/23
ADD 1

ELARG 71
COWEB 135
COEST 586

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 9 ta' Novembru 2023

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2023) 690 final

Suġġett: ANNESSI għall-KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI
Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-politika tat-Tkabbir tal-UE

Delegations will find attached document COM(2023) 690 final - annexes.

Encl.: COM(2023) 690 final - annexes



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2023
COM(2023) 690 final

ANNEXES 1 to 5

ANNESI

għall-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-politika tat-Tkabbir tal-UE

{SWD(2023) 690 final} - {SWD(2023) 691 final} - {SWD(2023) 692 final} -
{SWD(2023) 693 final} - {SWD(2023) 694 final} - {SWD(2023) 695 final} -
{SWD(2023) 696 final} - {SWD(2023) 697 final} - {SWD(2023) 698 final} -
{SWD(2023) 699 final}

Anness 1. L-aspetti fondamentali tal-proċess ta' adeżjoni

L-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika – u l-kriterji ekonomiċi jiffurmaw il-parti ewlenija tal-hekk imsejħa l-“**aspetti fondamentali**” tal-proċess ta' **adeżjoni mal-UE**. Il-kwalità tal-istituzzjonijiet u tal-governanza hija l-bażi għat-tisħiħ tal-kompetittività, il-prosperità u l-benesseri tas-soċjetà, u ssostni l-kapaċità ta' konformità mal-acquis b'mod ġenerali. Ir-riformi kredibbli u irriversibbli dwar l-aspetti fundamentali huma għalhekk kruċjali biex il-pajjiżi tat-tkabbir jiżguraw progress fil-perkorsi rispettivi tagħhom ta' adeżjoni mal-UE.

F'għadd ta' pajjiżi tat-tkabbir ġie nnutat xi progress fir-**riforma tal-ġustizzja**, dwar id-**drittijiet fundamentali**, u fil-funzjonament tal-**amministrazzjoni pubblika**, inkluża l-ġestjoni finanzjarja pubblika. Ġiet innutata intensifikazzjoni kostanti tal-ħidma fuq l-aġendi ta' riforma rispettivi, b'mod partikolari fil-Moldova u l-Ukrajna. B'mod ġenerali, il-progress lejn l-issodisfar tal-**kriterji tal-adeżjoni ekonomika** baqa' wisq kajman biex inaqqs sostanzjalment id-distakk ekonomiku mal-UE.

Fil-pajjiżi tat-tkabbir jeżistu eżempji tajbin ta' aġendi ta' riforma li qed jitmexxew 'il quddiem biex jittrasformaw l-istituzzjonijiet u s-soċjetajiet fid-dawl tal-opportunità tal-adeżjoni mal-UE. Madankollu, għad hemm ħafna ostakli. Għalkemm mhux b'mod uniformi fil-pajjiżi kollha, ġeneralment qed tinfirex xejra negattiva u inkwetanti ta' reżistenza politika u istituzzjonali għall-bidla, b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-**għlieda kontra l-korruzzjoni**. L-impenn kostanti għal-prevenzjoni tal-korruzzjoni u ż-żamma ta' kultura ta' integrità, jibqa' prijorità importanti, inkluż permezz tal-integrazzjoni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni fis-setturi l-aktar vulnerabbli. Il-korpi tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji jirrikjedu aktar awtonomija u l-indipendenza meħtieġa biex tiġi garantita għlieda sinifikanti u imparzjali kontra l-korruzzjoni. B'mod inkwetanti, għad hemm elementi ta' manipulazzjoni tal-istat, u għadhom qed jiġu osservati theddid għall-istabbiltà demokratika, il-korruzzjoni ta' livell għoli u l-influenza indebita mill-oligarki, flimkien ma' tentattivi minn networks tal-kriminalità organizzata biex jinterferixxu mal-ekonomiji, is-sistemi politiċi, l-amministrazzjonijiet u l-ambjenti tal-media tal-pajjiżi. Jeħtieġ li dawn l-isfidi kollha jiġu indirizzati b'mod urġenti permezz ta' approċċi sistemiċi u komprensivi.

L-indikatur ewlieni li juri li dawn it-tendenzi ġew indirizzati se jkun rekord kredibbli ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u ta' kundanni finali relatati mal-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus. Huwa essenzjali li l-pajjiżi tat-tkabbir juru l-effettività tal-aġenziji investigattivi, is-servizzi ta' prosekuzzjoni u l-qrati kriminali tagħhom. Sabiex l-atturi kollha fil-katina tal-istat tad-dritt ikunu kredibbli, jenħtieġ li jipproduċu riżultati sodi permezz ta' investigazzjonijiet finanzjarji mmirati, li jirriżultaw f'konfiska sistematika tar-rikavat minn attività kriminali.

Fir-rigward tad-**drittijiet fundamentali**, f'xi wħud mill-pajjiżi tat-tkabbir sar xi progress lejn fehim akbar dwar l-importanza li jiġu żgurati dawn id-drittijiet u l-libertajiet. Fl-istess ħin, komplew xi xejriet negattivi ta' dawn l-aħħar snin, bil-vjolenza abbażi tal-ġeneru li baqgħet prevalenti, filwaqt li l-libertà tal-media kompliet tiġi mxekkla minn interessi politiċi u ekonomiċi, li ddgħajef il-kontroll fuq l-awtoritajiet pubbliċi, tiftaħ spazju għal interferenza barranija u timmina l-komunikazzjoni dwar l-UE. F'xi pajjiżi, qed jiġu stabbiliti xi inizjattivi pożittivi dwar id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Madankollu fil-prattika, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija affettwata b'mod negattiv minn implimentazzjoni insuffiċjenti tal-liġijiet u l-politiki u mill-ineffettività tal-mekkaniżmi ta'

rimedju fl-oqsma kollha. Għad fadal sfidi fl-iżgurar ta' protezzjoni effettiva minn kull forma ta' mibegħda u diskriminazzjoni, inkluża dik kontra l-minoranzi.

Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi

Il-proċessi demokratiċi stabbli u konsolidati huma pilastru ċentrali tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Il-Kummissjoni bdiet timplimenta impenn imsaħħaħ u simplifikat mal-pajjiżi tat-tkabbir dwar il-qafas ġenerali għad-demokrazija, kemm jekk dan jikkonċerna l-proċess elettorali, il-funzjonament tal-Parlament (inkluż ir-rwol ta' sorveljanza tiegħu fil-prestazzjoni tal-gvern u t-fassil tal-politika u d-dipendenza, li f'ħafna każijiet, għadha eċċessiva fuq proċeduri aċċellerati), jew ir-rwol tas-soċjetà ċivili. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi baqgħu jiġu affettwati minn polarizzazzjoni politika mmarkata, nuqqas ta' kooperazzjoni bejn il-partiti, u spazju li qed jiċkien għas-soċjetà ċivili.

Fil-perjodu ta' rapportar saru diversi **elezzjonijiet** fil-pajjiżi tat-tkabbir inkluż fl-Albanija, fil-Bożnija-Herzegovina, fil-Kosovo, fil-Moldova, fil-Montenegro u fit-Turkija. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, ir-riformi għadhom ma jindirizzawx ir-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE/ODIHR, Office for Democratic Institutions and Human Rights). L-istandards tal-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (Group of States Against Corruption, GRECO) relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi ukoll għad iridu jiġu indirizzati fil-Maċedonja ta' Fuq u fil-Bożnija-Herzegovina.

Fir-rigward tal-**ħidma parlamentari**, il-polarizzazzjoni spiss baqgħet karatteristika viżibbli. In-nuqqas ta' dialogu effettiv bejn il-partiti wassal f'impass politiku fit-tul u stagħnar tar-riformi. Dan ġie osservat pereżempju fil-Montenegro, fl-Albanija, fil-Maċedonja ta' Fuq u fil-Georgia. F'xi każijiet, id-dibattiti plenarji kienu kkaratterizzati minn tensjonijiet, lingwaġġ offensiv u xi drabi minn inċidenti vjolenti, kif kien il-każ fil-Georgia u fil-Kosovo. Fl-Ukrajna, minkejja ċ-ċirkostanzi straordinarji, il-Parlament wera reżiljenza u rieda politika qawwija, b'mod partikolari f'oqsma essenzjali għall-integrazzjoni tal-Ukrajna mal-UE. Il-kompiti leġiżlattivi twettqu b'mod sistematiku, filwaqt li ġie żgurat proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet demokratiku mingħajr interruzzjoni.

Ġudikatura u drittijiet fundamentali

Sabiex irabbi għeruq fondi, l-istat tad-dritt jirrikjedi istituzzjonijiet stabbli u li jiffunzjonaw tajjeb. Dan jirrikjedi **sistema ġudizzjarja** indipendenti, imparzjali, responsabbli u ta' kwalità għolja, li topera b'mod effiċjenti u b'riżorsi adegwati, ħielsa minn interferenza esterna mhux dovuta, u li d-deċiżjonijiet tagħha jiġu eżegwiti b'mod effettiv u f'waqtu. F'xi każijiet inkiseb progress, b'avvanz fir-riformi ġudizzjarji, pereżempju, fl-**Albanija, fil-Moldova, fis-Serbja u fl-Ukrajna**. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tat-tkabbir, il-korpi ġudizzjarji għadhom esposti għal ħafna sfidi u vulnerabbiltajiet. It-tentattivi mill-politiċi biex jinfluwenzaw jew jattakkaw pubblikament lill-maġistrati, b'mod partikolari meta jittrattaw każijiet sensittivi, baqgħu Prattika perikoluża rikorrenti f'diversi pajjiżi. Baqgħu fis-seħħ l-arranġamenti istituzzjonali li jaffettwaw b'mod negattiv l-indipendenza tal-imħallfin u tal-prosekuturi, u li fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw il-bilanċ u s-separazzjoni tas-setgħat tal-istat. B'riżultat ta' dan, il-kredibbiltà tal-ġudikatura baqgħet ġeneralment pjuttost baxxa, bil-pubbliku ġeneralment jinnota l-impunità tal-awturi. F'diversi pajjiżi, ir-riformi tal-ġustizzja jiżvelaw kapacià ta' implimentazzjoni limitata anke fejn hemm rieda politika. L-effettività tal-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji, li twassal għal rekord kredibbli ta' riżultati, hija essenzjali għal aktar progress fl-adeżjoni. Il-qafas legali tal-**Georgia** dwar il-funzjonament tal-ġudikatura jirrikjedi aktar riformi u li jiġu evitati passi negattivi. Kompla r-riġress serju

fit-Turkija u n-nuqqasijiet strutturali, b'mod partikolari relatati mal-indipendenza tal-ġudikatura u n-nuqqas ta' ekwilibriju ta' setgħat fis-sistema Presidenzjali, baqgħu fis-seħħ.

Il-**għlieda kontra l-korruzzjoni** tibqa' prijorità għall-gvernijiet fil-pajjiżi tat-tkabbir. Il-**korruzzjoni**, inkluża l-korruzzjoni fil-livelli għolja, għadha mifruxa, u t-taħlit tal-interessi pubbliċi u privati għadu kwistjoni ta' tħassib. F'xi każijiet, il-prattiki ta' korruzzjoni u l-influwenza eżerċitati mill-**oligarki** jistgħu jikkawżaw riskji ta' manipulazzjoni tal-Istat. Il-progress biex il-korruzzjoni tiġi evitata u miġġielda b'mod effettiv miexi bil-mod, u jirrikjedi approċċ sistemiku sostnut u azzjoni ddedikata f'setturi ewlenin vulnerabbli għall-korruzzjoni. Hemm bżonn li jinbdew jew ikomplu jiġu integrati miżuri kontra l-korruzzjoni fis-setturi ewlenin, li jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju mmirati biex jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika, u li jiġu introdotti pjanijiet ta' riforma effettivi. Għad hemm il-ħtieġa ta' rieda politika aktar b'saħħitha u ta' sforzi ċari ta' riforma sabiex jittejjbu t-trasparenza u l-kultura ta' integrità u jiġi żviluppat aktar rekord konvinċenti ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjoni u kundanni finali, inkluż f'livell għoli. L-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni huma fis-seħħ u jeħtieġ li jiġu aġġornati u implimentati b'mod sistematiku u strutturat, inkluż permezz ta' riżorsi baġitarji xierqa u monitoraġġ iddedikat biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. L-akkwist pubbliku, il-finanzjament tal-partiti politiċi, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-ilma, l-infrastruttura, ir-riżorsi naturali u l-edukazzjoni jibqgħu oqsma partikolarment suxxettibbli għall-korruzzjoni u jirrikjedu miżuri aktar robusti u ambizzjużi. Fir-rigward tar-repressjoni, ir-rekord ġeneralment dgħajfef iqajjem tħassib dwar l-effettività tal-investigazzjonijiet u s-segwitu ġudizzjarju.

Fil-pajjiżi kollha tat-tkabbir, id-**drittijiet fundamentali** huma ġeneralment minquxa u protetti bil-liġi, iżda għad fadal sfidi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Wara l-adeżjoni tal-pajjiżi mal-istrumenti Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem u l-allinjament mal-acquis tal-UE, l-oqfsa leġislattivi u ta' politika qed jitlestew gradwalment. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tar-riformi tal-protezzjoni tad-*data*. Madankollu, l-implimentazzjoni għadha miexja bil-mod, u għad hemm lakuni sistemiċi fil-finanzjament tal-politiki adottati biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'konsegwenza li ħafna setturi għadhom dipendenti fuq id-donaturi. Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-Albanija, tal-Maċedonja ta' Fuq u tas-Serbja, l-adeżjoni bħala osservatur ta' pajjiżi kandidati oħra mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komprensiva ta' monitoraġġ u għbir ta' *data* li tiżgura implimentazzjoni aktar effettiva tal-leġislazzjoni, il-politiki u l-istrateġiji dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Fil-biċċa l-kbira tar-reġjun, l-istituzzjonijiet tal-Ombudsperson u korpi indipendenti u regolatorji oħra bħall-korpi tal-ugwaljanza, għandhom rwol ewleni fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-Istati biex jirrispettaw, jiproteġu u jissodisfaw id-**drittijiet tal-bniedem**, skont l-obbligi internazzjonali tagħhom. Madankollu, l-indipendenza, ir-riżorsi u l-kapaċitajiet effettivi tagħhom għadhom insuffiċjenti, bħalma huwa wkoll is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Il-gvernijiet fir-reġjun jeħtieġ li jindirizzaw b'mod konsistenti r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-korpi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u reġjonali, inklużi dwar il-kundizzjonijiet fil-ħabs u l-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin. Dan huwa partikolarment il-każ f'pajjiżi bħall-Maċedonja ta' Fuq, il-Moldova u s-Serbja, fejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura ma ġewx indirizzati b'mod sistematiku. Is-soċjetà ċivili tkompli tissupplimenta jew saħansitra tissostitwixxi l-azzjoni tal-gvern fil-provvista ta' servizzi lil persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, pereżempju billi tmexxi postijiet ta' kenn għall-vittmi ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru jew it-traffikar tal-bnedmin fl-Albanija u s-Serbja. Fil-Balkani tal-Punent, it-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti tas-snin ta'

qabel għadhom fil-biċċa l-kbira validi u jeħtieġ li jiġu indirizzati b'urġenza. Fit-Turkija, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kompliet tiddeterjora u għadha ta' tħassib serju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' ċerti sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari fil-kawża Kavala.

Il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media u l-pluraliżmu huma pilastri ewlenin ta' soċjetà demokratika u jridu jiġu rrispettati. Il-progress, jew ir-rigress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet tal-passat fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent kien limitat jew saħansitra ineżistenti. F'diversi pajjiżi, ix-xenarju tal-media huwa kkaratterizzat minn polarizzazzjoni politika profonda. Il-pluraliżmu, l-indipendenza u l-iżvilupp ta' ġurnaliżmu professjonali ta' kwalità huma mhedda mill-konċentrazzjoni tal-media u mill-influwenza politika fuq il-media f'għadd ta' pajjiżi. Il-ġurnalisti għadhom qed jaħdmu f'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, li jistgħu jwasslu għall-awtoċensura. Il-każijiet ta' theddid, ta' intimidazzjoni u ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti u r-rimarki derogatorji mill-uffiċjali pubbliċi għadhom jikkawżaw tħassib serju fir-reġjun kollu. F'xi pajjiżi qed isiru sforzi biex jiġi indirizzat dan il-fenomeno, iżda jeħtieġ li l-pajjiżi kollha jiżguraw segwitu ġudizzjarju sistematiku tal-każijiet kollha. Il-protezzjoni insuffiċjenti tal-ġurnalisti u s-segwitu ineffettiv tal-każijiet jista' jkollhom effett dissważiv fuq l-eżerċizzju tal-libertà tal-media.

B'mod ġenerali, l-indipendenza tax-xandara pubbliċi hija mminata minn finanzjament insuffiċjenti u mill-influwenza politika. Jeħtieġ li tiġi garantita l-indipendenza tar-regolaturi tal-media, inkluż permezz ta' ħatriet ibbażati fuq il-mertu f'istrutturi tal-immaniġġar. Fejn dan ma jkunx il-każ, bħal fis-Serbja, ir-regolaturi jridu jaġixxu b'mod imparzjali u jeżerċitaw bis-sħiħ il-mandati tagħhom. Il-funzjonament effettiv ta' korpi awtoregulatorji indipendenti jeħtieġ ukoll li jiġi appoġġat ulterjorment. Il-pajjiżi kollha jeħtieġ li jżidu t-trasparenza dwar il-finanzjament tal-media. L-isforzi fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni Russa wasslu għas-sospensjoni tal-liċenzji tax-xandir fil-Moldova u l-imblukkar tar-riżorsi tal-web fl-Ukraina. Fit-Turkija, kompla r-rigress serju tal-libertà tal-espressjoni. Il-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avukati, il-kittieba, il-politiċi tal-oppożizzjoni, l-istudenti u l-utenti tal-media soċjali komplew jiffaċċjaw sistematikament akkużi u kundanni kriminali.

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-awtoritajiet qed jaħdmu biex jistabilixxu l-qafas legali u istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-impenji fil-qasam tal-**ugwaljanza bejn il-ġeneri u fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru**, b'mod partikolari biex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Il-Konvenzjoni ġiet ratifikata mis-sħab kollha tat-tkabbir ħlief mill-Kosovo, minħabba kwistjonijiet ta' status, u mit-Turkija, li l-ħruġ tagħha ġie kkonfermat bħala finali mill-Kunsill tal-Istat tagħha. Madankollu, jeħtieġ iktar sforzi biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ssir realtà u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-politiki. Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru għadha preżenti fil-biċċa l-kbira tar-reġjun. Jeħtieġ li l-pajjiżi kollha jsaħħu l-assistenza lill-vittmi ta' kull forma ta' vjolenza. Ix-xejra ta' użu akbar ta' termini derogatorji jew diskors ta' mibegħda mmirat lejn nisa politiċi, ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fid-diskors pubbliku hija waħda ta' tħassib, b'mod partikolari fit-Turkija, fil-Montenegro, fis-Serbja u fil-Maċedonja ta' Fuq. Hemm ukoll każijiet ta' diskors ta' mibegħda u vjolenza kontra persuni lezbbjani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer (LGBTIQ), li d-drittijiet fundamentali tagħhom f'diversi pajjiżi spiss jiġu kkontestati.

Il-liġijiet u l-politiki dwar in-**nondiskriminazzjoni**, il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda huma ġeneralment fis-seħħ, iżda jeħtieġ li jiġu indirizzati l-lakuni u n-nuqqasijiet li fadal fil-leġiżlazzjoni, inkluż fir-rigward ta' raġunijiet protetti. Jeħtieġ li l-korpi tal-ugwaljanza u istituzzjonijiet oħra inkarigati mill-promozzjoni tat-ttrattament ugwali u l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki dwar in-nondiskriminazzjoni, jiġu pprovduti

b'mezzi suffiċjenti biex jissodisfaw il-mandat tagħhom inkluża l-assistenza lill-vittmi, it-tweġġ ta' s'harriġ, u l-pubblikazzjoni ta' rapporti u jiġu żgurati r-rakkomandazzjonijiet.

Filwaqt li ġeneralment hemm fis-seħħ mekkaniżmi għat-tisħiħ tad-**drittijiet tat-tfal**, jeħtieġ li l-koordinazzjoni interistituzzjonali tittejjeb b'mod sostanzjali fir-reġjun kollu, b'mod partikolari fil-Kosovo u fil-Maċedonja ta' Fuq, biex tiġi żgurata l-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal, f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal. L-iżgurar ta' aċċess effettiv għall-edukazzjoni għat-tfal fl-Ukrajna u għat-tfal Ukreni spostati għadu ta' sfida. Jeħtieġ li s-sistemi ġudizzjarji adatti għat-tfal jiġu żviluppatti aktar u li jsiru disponibbli alternattivi għad-detenzjoni li jintużaw b'mod aktar sistematiku, bid-detenzjoni li tintuża biss meta ma jkun fadal l-ebda alternattiva oħra possibbli u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq. Il-vjolenza kontra t-tfal, u ż-żwiġijiet prekoċi, għadhom ta' tħassib serju. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, hemm nuqqas ta' *data* affidabbli u komparabbli diżaggregata skont l-età u s-sess u din hija essenzjali biex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra t-tfal. F'ħafna pajjiżi, l-istituzzjonalizzazzjoni kontinwa tat-tfal mingħajr il-kura tal-ġenituri u tat-tfal u tal-persuni b'diżabbiltà hija ta' tħassib, b'mod partikolari fil-Georgia, fil-Moldova, fl-Ukrajna u fil-Bożnija-Ħerzegovina. Il-Maċedonja ta' Fuq biss kisbet deistituzzjonalizzazzjoni sħiħa tat-tfal minn istituzzjonijiet fuq skala kbira. Filwaqt li qed isiru sforzi biex jissaħħu l-mekkaniżmi għall-infurzar tad-**drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà**, se jkunu meħtieġa livelli ħafna oġhla ta' investiment biex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn kura bbażata fil-komunità, għajxien indipendenti, aċċessibbiltà u inklużjoni.

Id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn **minoranzi** għadhom ma humiex protetti bl-istess mod fir-reġjun kollu. Fl-Albanija, fil-Georgia, fil-Moldova u fl-Ukrajna, għad iridu jitlestew l-oqfsa legali u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni, filwaqt li jeħtieġ li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konsultattiv tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Minoranzi Nazzjonali mis-Serbja u mill-Maċedonja ta' Fuq. Ir-**Roma** tibqa' l-komunità l-aktar fil-bżonn u ta' spiss jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni, inċidenti motivati mill-mibegħda, kif ukoll ta' esklużjoni soċjali u ekonomika.

Ġustizzja, libertà u sigurtà

Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija għadhom hotspots ta' attivitajiet kriminali u gruppi ta' kriminalità organizzata attivi fl-UE, li jservu bħala punt ta' tranżitu importanti għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, bil-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u komoditajiet illeċiti deħlin fl-UE permezz ta' varjazzjonijiet differenti tar-rotta tal-Balkani. Il-kriminali u n-networks kriminali mir-reġjun għandhom ukoll impatt sinifikanti fuq il-kriminalità serja u organizzata f'partijiet oħra tad-dinja, inkluż fl-Amerka Latina u fl-Amerka t'Isfel fejn għandhom rwol importanti fil-kummerċ globali tal-kokaina, fit-tranżitu għall-eroina traffikata lejn l-UE, u jiffaċilitaw id-dħul tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, tal-migranti irregolari u tal-komoditajiet illeċiti fil-pajjiżi tal-UE. L-infrastruttura kriminali żviluppata għat-traffikar tal-eroina u d-drogi sintetiċi tintuża għat-traffikar tal-kokaina tul iż-żewġ direzzjonijiet tar-rotta tal-Balkani kif ukoll fil-portijiet tal-Baħar l-Iswed.

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata mill-Moldova u l-Georgia huma attivi fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, il-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà, it-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità ċiberdipendenti, il-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti, il-frodi tas-sisa, it-traffikar tal-armi tan-nar u reati relatati oħra bħall-frodi tad-dokumenti. Ħafna minn dawn il-gruppi huma polikriminali, li jfisser li jittraffikaw aktar minn komodità illeċita waħda. L-Ukrajna tinsab f'salib it-toroq tal-kuntrabandu ta' oġġetti illegali lejn l-UE u hija wkoll pajjiż ta' oriġini, ta' tranżitu u pajjiż destinatariju għat-traffikar tal-bnedmin. Minkejja l-isfidi relatati mal-gwerra, inkluża l-pressjoni fuq il-kapaċitajiet istituzzjonali minħabba telf

sinifikanti ta' tagħmir personali u tnaqqis fil-finanzjament għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-istituzzjonijiet Ukreni rilevanti wrew reżiljenza u kapaċitajiet operazzjonali notevoli.

Minn Frar 2022, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kellha impatt sinifikanti fuq is-sitwazzjoni tal-kriminalità reġjonali, inkluż fuq il-kooperazzjoni bejn gruppi kriminali reġjonali b'saħħithom, li kważi ntemmet. Madankollu, tfaċċaw ċirkostanzi ġodda li l-gruppi kriminali fir-reġjun qed jieħdu vantaġġ minnhom.

Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi (inkluż fil-livell operazzjonali) bejn l-UE u l-pajjiżi tat-tkabbir kompliet tevolvi b'mod pożittiv. Il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent irratifikaw ftehimiet operazzjonali mal-Europol (ħlief il-Kosovo, li miegħu hemm fis-seħħ arranġament ta' ħidma) u għandhom aċċess għall-pjattaforma sigura tal-Europol għall-iskambju ta' informazzjoni (SIENA). L-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja stazzjonaw uffiċjali ta' kollegament fil-Europol f'The Hague. Il-kooperazzjoni bejn l-Europol u t-Turkija hija bbażata fuq ftehim strateġiku dwar il-kooperazzjoni, li jeskludi l-possibbiltà ta' kondiviżjoni ta' *data* personali iżda li jiffaċilita l-kooperazzjoni f'firxa ta' oqsma. Uffiċjal ta' Kollegament Tork stazzjonat fil-Europol u t-Turkija huwa konness ukoll mas-SIENA. L-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia ukoll ikkonkludew ftehimiet ta' kooperazzjoni operazzjonali mal-Europol, huma konnessi ma' SIENA u fetħu uffiċċji ta' kollegament fil-Europol. B'mod ġenerali, il-livell ta' parteċipazzjoni mill-pajjiżi tat-tkabbir fl-EMPACT, il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali mmexxija mill-Istati Membri, kompla jintensifika filwaqt li baqa' irregolari. Barra minn hekk, hemm ukoll xejra li qed tiżdied ta' azzjonijiet operazzjonali li għandhom jitmexxew jew jitmexxew b'mod konġunt mill-pajjiżi tat-tkabbir, li huwa żvilupp milqugħ tajjeb ħafna. Il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent, flimkien mal-Moldova u l-Ukrajna, ipparteċipaw f'għadd ta' Jiem ta' Azzjoni Konġunta, b'riżultati immedjati f'termini ta' arresti ta' kriminali u uffiċjali korrotti, qbid u t-tnedija ta' investigazzjonijiet ġodda.

It-traffikar tad-drogi jibqa' suq kriminali li jħalli l-qligħ fil-pajjiżi tat-tkabbir. Filwaqt li x-xejra fit-tul fil-qbid tal-kannabis fil-Balkani tal-Punent qed tonqos, il-qbid tal-kokaina (speċjalment fil-portijiet marittimi) qed jiżdied, filwaqt li l-qbid tal-eroina baqa' fil-biċċa l-kbira stabbli. Għajr għall-Albanija, il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent għandhom jew kellhom sa ftit ilu strateġija nazzjonali dwar id-drogi, flimkien ma' pjan ta' azzjoni f'xi każijiet. L-informazzjoni dwar (il-kwalità ta') l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mhijiex disponibbli billi ma ssir l-ebda evalwazzjoni fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni nazzjonali tat-Turkija jiskadu din is-sena. Il-Moldova u l-Georgia adottaw kemm strateġiji ġodda kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni dwar id-drogi, filwaqt li l-Ukrajna ma għandha l-ebda strateġija jew pjan ta' azzjoni ddedikati dwar id-drogi. Fir-reġjun hemm il-ħtieġa ta' sforzi serji rigward l-istabbiliment ta' Osservatorji Nazzjonali dwar id-Drogi (National Drug Observatories, NDO) u Sistemi Nazzjonali ta' Twissija Bikrija (National Early Warning Systems, NEWS) dwar sustanzi psikoattivi ġodda (SPĠ). Is-Serbja biss għandha NDO stabbilit u operazzjonali, filwaqt li NDO huwa kruċjali għall-koordinazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni dwar id-droga u huwa prerekwiżit għall-assoċjazzjoni man-network Reitox tal-UE (network Ewropew ta' informazzjoni dwar id-drogi u d-dipendenza fuq id-droga). Għajr għas-Serbja, l-ebda pajjiż ieħor fir-reġjun ma stabbilixxa NEWS formali u/jew operazzjonali oħra dwar SPĠ, u din jenħtieġ li tiġi indirizzata b'mod urġenti. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga qed jipprovdi appoġġ fit-tul jew qed iwettaq ħidma fuq il-bażi ta' arranġament ta' ħidma jew ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi tat-tkabbir.

Il-pjan direzzjonali għal **kontroll** komprensiv tal-**armi ħfief u ta' kalibru żgħir** sal-2024 fil-Balkani tal-Punent, għadu qed jiġi implimentat. F'Mejju 2023, intlaħaq qbil politiku dwar it-tkomplija tal-pjan direzzjonali lil hinn mill-2024 bl-appoġġ taċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (South Eastern and Eastern Europe Clearinghouse for the Control of Small Arms and Light Weapons, SEESAC). Minħabba l-għadd għoli u dejjem jikber ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir wara l-invażjoni fuq skala sħiħa mir-Russja, l-UE diġà stabbiliet diversi miżuri preventivi, flimkien mal-Ukrajna, biex tiġġieled kontra r-riskju tat-traffikar tal-armi u jenħtieġ li l-Ukrajna tkompli bl-impenn tagħha mal-komunità internazzjonali tal-infurzar tal-liġi sabiex tindirizza dawn ir-riskji. Dan jinkludi appoġġ ipprovdut mill-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), il-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-EMPACT dwar l-armi tan-nar, u l-ħidma tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea fl-Ukrajna.

Għalkemm irregolari, kompla l-progress fil-indirizzar tat-**traffikar tal-bnedmin** fil-pajjiżi tat-tkabbir. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex l-acquis rilevanti tal-UE jiġi allinjat u implimentat b'mod effettiv, inklużi l-miżuri ta' prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija, il-protezzjoni tal-vittmi u l-assistenza għalihom, l-investigazzjonijiet effettivi tal-każijiet tat-traffikar, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni tal-awturi.

Filwaqt li qed javvanzaw b'mod irregolari, ir-**rekords** rispettivi tal-pajjiżi tat-tkabbir **dwar investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjoni u kundanni finali ta' każijiet ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni**, b'mod partikolari f'livelli għoljin, għadhom ġeneralment insuffiċjenti u jirrikjedu sforzi sostnuti. Jenħtieġ li l-ħasil tal-flus ikun investigat dejjem aktar u jkun suġġett għal prosekuzzjoni bħala reat awtonomu. Jenħtieġ li jiżdied l-użu ta' investigazzjonijiet finanzjarji u jintuża b'mod aktar sistematiku biex jitneħħew gruppi ta' kriminalità organizzata u jinqabdu u jiġu kkonfiskati r-rikavati tal-kriminalità. Il-każijiet reċenti għal darb' oħra tefgħu dawl fuq ir-riskji ta' infiltrazzjoni tal-gruppi tal-kriminalità organizzata fil-livelli kollha tal-katina tal-ġustizzja kriminali. L-isforzi f'xi pajjiżi biex isaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali tagħhom u jeqirdu l-korruzzjoni fil-korpi ġudizzjarji tagħhom jeħtieġ li jissarf u r-riżultati konkreti. Il-bini u l-konsolidazzjoni ta' rekord kredibbli huwa essenzjali sabiex ikun hemm effett ta' deterrent fuq l-attivitajiet kriminali u terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini fl-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u fil-ġudikatura. Jenħtieġ li fl-Ukrajna, fil-Moldova u fil-Georgia, tkompli il-ġlieda kontra l-fenomeni speċifiku tal-“ħallelin fil-liġi”.

Jeħtieġ li l-Albanija tkompli ssaħħaħ l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni ta' livell għoli u fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità (inkluż billi tikkriminalizza l-abbuż sesswali tat-tfal online). Filwaqt li l-konfiska tal-assi żdiedet b'mod sinifikanti, għadha limitata ħafna meta mqabbla mal-ammonti ta' qbid (li, madankollu, naqsu). Il-pajjiż għad ma għandux uffiċċju għall-irkupru tal-assi. Kien hemm ukoll tnaqqis sinifikanti fil-kwantità ta' drogi maqbuda. L-Istrutturi Speċjalizzati Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (Specialised Anti-Corruption and Organised Crime Structures, SPAK) kisbu aktar riżultati u jenħtieġ li jkomplu jiżviluppaw ir-rekord tagħhom ta' investigazzjonijiet u kundanni ta' livell għoli. In-nuqqas persistenti ta' progress fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-Bożnja-Herzegovina jqajjem tħassib serju. Il-Kosovo għamel progress limitat fir-rekord ġenerali tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jenħtieġ li jiżid l-isforzi tiegħu dwar investigazzjonijiet proattivi, kundanni u konfiski ta' assi kriminali, li għadhom baxxi ħafna. Fil-Maċedonja ta' Fuq, hemm tħassib serju dwar influwenza esterna bla bżonn fuq il-ħidma tal-Kunsill Ġudizzjarju u l-ġudikatura. Ċerti bidliet fil-kodiċi kriminali, adottati permezz ta' proċedura parlamentari mħaffa, qed jaffettwaw, iwaqqfu jew saħansitra jtemmu għadd kbir ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Jeħtieġ ukoll li l-awtoritajiet isaħħu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja. Il-Montenegro wera żviluppi inkoraġġanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità

organizzata, permezz tal-arrest ta' membri tal-ogħla livell ta' gruppi ta' kriminalità organizzata u uffiċjali għolja fl-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Dan jenfasizza l-importanza li l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fil-pulizija u l-ġudikatura tkun miġġielda b'mod konsistenti u voçiferu. Madankollu, in-nuqqas ta' kundanni fl-oqsma tal-kuntrabandu tat-tabakk, il-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin u ç-çiberkriminalità, kif ukoll il-livell baxx ħafna ta' konfiski tal-assi, huwa ta' tħassib. Għalkemm l-għadd ta' kundanni għal reati finanzjarji żdied fl-2022, dan kienu esklussivament ibbażat fuq sentenza fuq talba tal-partijiet. Ir-rekord tas-Serbja dwar il-kriminalità organizzata jindika stampa mħallta, b'żieda fl-għadd ta' investigazzjonijiet u akkużi (inkluż għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni), iżda tnaqqis fil-kundanni tal-ewwel istanza u dawk finali, u livell baxx ħafna ta' konfiski. Filwaqt li t-Turkija żiedet il-parteċipazzjoni tagħha f'operazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri tal-UE u mal-pajjiżi ġirien, jeħtieġ li ttejjeb il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja, inkluż l-użu tal-konfiska tal-assi kriminali. Il-Moldova wettqet għadd ta' investigazzjonijiet finanzjarji, wettqet xi qbid tal-assi (u f'ammont inqas, konfiski) u għandha rekord inizjali ta' kundanni finali, li jenħtieġ li jiġi kkonsolidat. Fil-Georgia, kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' kundanni finali ta' "ħallelin fil-liġi" u nġhataw kundanni f'każijiet ta' ħasil tal-flus. L-Ukrajna bdiet tiżviluppa rekord inizjali, iżda teħtieġ aktar sforzi fil-ġlieda kontra forum serji ta' kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus u reati finanzjarji oħra.

Filwaqt li l-kooperazzjoni fil-**ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni** hija rilevanti għall-pajjiżi kollha tat-tkabbir, din tibqa' prijorità partikolari għall-kooperazzjoni tal-UE mal-Balkani tal-Punent. It-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fil-forom kollha tagħhom u irrispettivament mill-orijini tagħhom qed ikomplu joħlqu sfida u theddida għas-sigurtà. Ġew irrapportati arresti ta' estremisti vjolenti u attacchi sfrattati. Il-Forum Ministerjali tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent li sar f'Novembru 2022 tenna l-importanza li jiġu intensifikati l-miżuri meħuda biex jiġi identifikat u miġġieled it-theddid li qed jevolvi u li jirriżulta mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-pjan ta' azzjoni konġunt dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu għall-Balkani tal-Punent jibqa' l-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni mar-reġjun, billi jgħaqqad l-impenn politiku mal-appoġġ u l-monitoraġġ regolari. Sar progress fir-reġjun kollu, bl-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq li implimentaw il-biçça l-kbira tal-azzjonijiet. Barra minn hekk, f'Diçembru 2022, żewġ pajjiżi iffiraw fil-livell ministerjali arranġamenti ta' implimentazzjoni aġġornati li jiffukaw fuq l-oġettivi li għadhom pendenti. Il-bqija tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ippreżentaw il-ħames sett ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fl-ewwel kwart tal-2023. Il-Montenegro rreġistra wkoll progress sinifikanti u qed jiddiskuti aġġornament tal-arranġament bilaterali mal-Kummissjoni Ewropea. B'mod ġenerali, jeħtieġ aktar sforzi għall-prevenzjoni tal-forom kollha ta' radikalizzazzjoni, inkluż fil-ħabsijiet, dwar is-segwitu għall-liberazzjoni bikrija mill-ħabs taħt kondizzjoni tal-awturi ta' reati estremisti vjolenti, u dwar l-indirizzar effettiv tal-kontenut terroristiku u estremist online. Kif juri r-rapport tal-2023 tal-Europol dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu, ir-reklutaġġ qed ikompli jsir kemm online kif ukoll permezz ta' laqgħat f'binjiet reliġjużi informali, kif ukoll f'faċilitajiet korrettivi. Ir-reviżjoni tal-istrateġiji nazzjonali u tal-pjanijiet ta' azzjoni għadha għaddejja fis-Serbja u fl-Albanija, u diġà ġiet iffinalizzata fil-Bożnija-Herzegovina, fil-Kosovo, fil-Maċedonja ta' Fuq u fil-Montenegro. It-theddida tat-terroriżmu għadha baxxa fil-Georgia, fil-Moldova u fl-Ukrajna, u l-leġiżlazzjoni tagħhom kontra t-terroriżmu hija ġeneralment konformi mal-istandards internazzjonali. L-oqfsa strateġiçi tas-sigurtà tagħhom jirrikonoxxu t-terroriżmu bħala theddida u hemm fis-seħħ servizzi speçjalizzati. Il-kooperazzjoni operazzjonali mal-aġenziji Ewropej fil-ġlieda kontra t-terroriżmu hija stabbilita sew.

L-allinjament mal-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tagħha, dwar il-**ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u kontra l-ħasil tal-flus** għadhom irregolari. Huwa rrapportat progress dwar il-leġiżlazzjoni, l-istrateġiji u l-implimentazzjoni fil-Maċedonja ta' Fuq, filwaqt li l-leġiżlazzjoni fil-Bożnija-Ħerzegovina għadha qed tistenna l-approvazzjoni mill-Parlament u jeħtieġ li jiġi stabbilit rekord dwar l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u d-deċizzjonijiet finali tal-qorti. L-Albanija, li tinsab taħt l-iskrutinju tal-FATF, indirizzat il-punti kollha tal-pjan ta' azzjoni f'dawn l-aħħar sitt xhur. F'Ġunju 2023, l-FATF iddeċidiet li tippromponi żjara fuq il-post, li wasslet biex l-Albanija titneħħa minn fuq il-"lista griża" f'Ottubru 2023. Madankollu, l-FATF se tkompli timmonitorja biex tivverifika jekk kwalunkwe programm volontarju Albaniż ta' konformità fiskali (inklużi amnestiji kriminali potenzjali), jekk ikun hemm, huwiew konformi mal-prinċipji u l-aħjar prattiki tal-FATF. Jenħtieġ li l-qafas legali tat-Turkija jiġi allinjat mal-punti tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-FATF sabiex titneħħa minn fuq il-"lista griża" tal-FATF. L-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia għandhom leġiżlazzjoni fis-seħħ li tikkrimalizza l-finanzjament tat-terroriżmu, iżda xi oqsma għad iridu jiġu allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tal-Moneyval u mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

Is-sitt sħab tal-Balkani tal-Punent huma dejjem aktar konxji mill-importanza ta' qafas robust biex tiġi indirizzata l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. Il-Kosovo, il-Montenegro u s-Serbja żviluppaw leġiżlazzjoni xierqa f'dan il-qasam, filwaqt li fil-Bożnija-Ħerzegovina tali leġiżlazzjoni teżisti biss parzjalment.

Il-biċċa l-kbir tas-sħab tal-Balkani tal-Punent irripatrijaw **għellieda terroristi barranin** u l-membri tal-familja mill-Grigal tas-Sirja. Il-Bożnija-Ħerzegovina esprimiet ir-rieda tagħha li tirripatrija l-għellieda terroristi barranin kollha. Filwaqt li hemm dispożizzjonijiet legali fis-seħħ għall-prosekuzzjoni tagħhom malli jirritornaw, il-prosekuzzjoni effettiva seħħet b'mod irregolari fir-reġjun kollu. Il-Bożnija-Ħerzegovina għaddiet lil seba' għellieda terroristi barranin li rritornaw minn prosekuzzjoni, filwaqt li s-sitt nisa li akkumpanjawhom irċevew sentenzi kondizzjonali. L-Albanija qed tinvestiga disa' każijiet ta' nazzjonali li għadhom fil-Grigal tas-Sirja, u sa issa s-37 mara u tfal li ġew ripatrijati għadhom mingħajr akkuża jew prosekuzzjoni. Il-Montenegro għadda lil ċittadin wieħed li rritorna mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna fl-2014 minn prosekuzzjoni. Dawn il-verdetti huma kkaratterizzati minn sentenzi laxki, li hija kwistjoni ta' tħassib. Fir-rigward tat-tluq għall-parteċipazzjoni fil-gwerra Russa kontra l-Ukrajna, għajr għall-Albanija, li rrapportat li wieħed min-nazzjonali tagħha vvjaġġa biex jiġġieled fl-Ukrajna, l-ebda wieħed mill-pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Punent ma rrapporta li ċ-ċittadini tagħhom ivvjaġġaw lejn kampijiet tal-battalja barranin f'dawn l-aħħar żminijiet. Madankollu, saru rapporti minn sorsi miftuħa dwar tluq mir-reġjun lejn l-Ukrajna.

Minħabba t-theddid persistenti minn diversi gruppi terroristiċi, it-Turkija kompliet tipprijoritizza l-ġlieda kontra l-PKK u t-tneħħija tal-moviment Gülen. Il-PKK għadu fil-lista tal-UE ta' persuni, ta' gruppi u ta' entitajiet involuti f'atti ta' terroriżmu. It-Turkija kompliet ukoll il-kooperazzjoni attiva tagħha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu mal-komunità internazzjonali bħala membru tal-Koalizzjoni Globali kontra l-ISIS, il-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu, u l-Kumitat ta' Esperti dwar it-Terroriżmu tal-Kunsill tal-Ewropa. Attiva bħala kopresident tal-grupp ta' ħidma dwar il-għellieda terroristi barranin tal-Koalizzjoni kontra l-ISIS, it-Turkija pprovdiet ukoll aċċess għall-ispazju tal-ajru u l-faċilitajiet tagħha għal operazzjonijiet ta' koalizzjoni kontra t-terroriżmu fl-Iraq u fis-Sirja. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-awtoritajiet tat-Turkija jiżguraw li l-liġi tal-pajjiż kontra t-terroriżmu u l-applikazzjoni tagħha jkunu konformi mal-prinċipju tal-istat tad-dritt u jrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Jenħtieġ li t-Turkija tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha kontra t-terroriżmu mal-istandards tal-UE, u tikkonforma mal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-liġi dwar il-prevenzjoni tal-finanzjament tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva.

Theddid ibridu

It-**theddid ibridu**, inkluż id-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (foreign information manipulation and interference, FIMI) u l-attakki ċibernetiċi, b'mod partikolari kontra l-infrastruttura kritika, għadu jippreżenta sfida politika u għas-sigurtà għall-pajjiżi tat-tkabbir. Wara żieda qawwiya s-sena l-oħra wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, dan it-theddid għadu johlq riskju konsiderevoli kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi tat-tkabbir. B'reazzjoni għall-għoti reċenti ta' status ta' kandidat lill-Ukrajna u lill-Moldova u l-perspettiva Ewropea tal-Georgia, diversi atturi, b'mod partikolari dawk sponsorjati mir-Russja, qed ikomplu jisfidaw il-kredibbiltà tal-UE u jdgħajfu l-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet demokratiċi. Dawn l-atturi komplew jinvolvu ruħhom f'manipulazzjoni u interferenza tal-informazzjoni direttament jew permezz ta' prokuri, u spiss jissinkronizzaw l-azzjoni tagħhom ma' tfixkil intenzjonat f'setturi differenti u jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet.

Id-**diżinformazzjoni u l-FIMI** żdiedu **b'mod sinifikanti** mis-sena l-oħra 'l hawn. Hekk kif żviluppat l-invażjoni fuq skala sħiħa mir-Russja fl-Ukrajna, l-istess ġara bit-tixrid ta' narrattivi differenti tal-Kremlin fil-pajjiżi tat-tkabbir, b'riżultati li jvarjaw. Dawn huma partikolarment effettivi fis-Serbja, fejn parti mill-media lokali u xi forzi politiċi ewlenin jxerrdu narrattivi favur ir-Russja, inkluż fir-reġjun kollu tal-Balkani tal-Punent. Minkejja sforzi konsiderevoli, ir-reżiljenza għal dan it-theddid għadha dgħajfa minħabba livell baxx ta' litteriżmu fil-media, nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet, ġurnaliżmu indipendenti u professjonali limitat u livell baxx ta' libertà tal-media. Bl-istess mod, wara d-deċiżjoni li tiġi rikonoxxuta perspettiva Ewropea lill-Ukrajna, lill-Moldova u lill-Georgia kif ukoll li jingħata status ta' kandidat lill-Moldova u lill-Ukrajna, dawn it-tliet pajjiżi kienu l-mira ta' mewġa ġdida ta' kampanji tal-FIMI, li prinċipalment għandhom l-għan li jiskreditaw l-aspirazzjonijiet għal sħubija fl-UE u jagħtu tort lill-Punent għas-sitwazzjoni attwali fir-reġjun. Fil-Georgia, fergħa speċifika ta' diżinformazzjoni ppruvat timplika li l-Punent qed ifittex li jiftaħ "it-tieni front" kontra r-Russja mill-Georgia. Ikun xieraq li l-awtoritajiet iwettqu konfutazzjoni aktar attiva.

Iċ-**ċibersigurtà** u r-reżiljenza ċibernetika jibqgħu **prijorità ewlenija** fil-pajjiżi kollha tat-tkabbir. Ftit pajjiżi rrapportaw attakki ċibernetiċi matul is-sena, b'impatt fuq skala kbira fuq l-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi. Ġie osservat li fl-Albanija, fil-Maċedonja ta' Fuq, fil-Montenegro, fl-Ukrajna u fil-Moldova sar progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Il-konferenza ta' livell għoli dwar iċ-ċibersigurtà – *Towards a resilient cyberspace in the Western Balkans*, saret f'Ġunju 2023 fi Brussell. It-tieni djalogu dwar iċ-ċibersigurtà bejn l-UE u l-Ukrajna sar f'format fiżiku f'Settembru 2022.

L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Moldova, il-Montenegro u t-Turkija organizzaw **elezzjonijiet** fil-perjodu ta' rapportar. Fil-perjodu li ġej, se jiġu organizzati elezzjonijiet fil-Maċedonja ta' Fuq, fl-Ukrajna, fil-Moldova u fil-Georgia. Huma meħtieġa aktar miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' kwalunkwe tentattiv ta' interferenza minn stati terzi u atturi mhux statali.

L-**investiment dirett barrani** intensifika wkoll fil-pajjiżi kollha għajr fl-Ukrajna. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi tat-tkabbir għad hemm nuqqas ta' oqfsa robusti biex jiġi kkontrollat l-investiment dirett barrani, f'konformità mar-Regolament tal-UE dwar l-Iskrinjar tal-FDI, minbarra l-Moldova, li għandha sistema fis-seħħ.

Migrazzjoni

Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-**Ukrajna** wasslet għal żieda fir-refuġjati Ukreni, u pajjiżi bħall-Moldova b'mod partikolari, kif ukoll il-Montenegro, is-Serbja, l-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq kellhom rwol kruċjali bħala pajjiżi ospitanti.

Il-migrazzjoni irregolari għadha sfida sinifikanti kemm għall-**Balkani tal-Punent** kif ukoll għat-**Turkija**, b'mod partikolari l-għieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-għadd totali ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tal-UE mill-Balkani tal-Punent fl-2022 kien ta' madwar 144 100. Dan kienet żieda ta' 134 % meta mqabbel mal-2021 (61 600). Madankollu, mill-bidu tas-sena sal-31 ta' Lulju 2023, l-għadd globali ta' wasliet irregolari mill-Balkani tal-Punent lejn l-UE naqas, meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2022. Fl-ewwel 7 xhur tal-2023, ġie identifikat madwar 52 200 każ ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, jiġifieri 26 % inqas milli fl-istess perjodu fis-sena ta' qabel. Fl-2022 u fl-ewwel 7 xhur tal-2023, in-nazzjonalitajiet ewlenin tal-wasliet kienu mis-Sirja, mill-Afganistan u mit-Turkija.

Il-fatturi ewlenin li jinfluwenzaw l-għadd kbir ta' persuni li jaslu bl-ajru mit-Turkija u s-Serbja huma: (i) reġimi mingħajr viża; (ii) il-perjodu qasir ta' żmien meħtieġ għall-qsim tar-reġjun, jiġifieri medja ta' 8 t'jiem fl-2022 meta mqabbla ma' 53 fl-2021 skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (International Organization for Migration, IOM); (iii) il-prezzijiet relattivament baxxi li joffru n-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin għall-qsim tar-reġjun; u (iv) id-diffikultà akbar biex wieħed jidħol fl-UE permezz ta' rotot oħra (pereż. il-Punent tal-Mediterran).

L-objettiv ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea huwa li, bħala Stati Membri futuri potenzjali tal-UE, tappoġġa lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li qed jiffaċċjaw pressjoni migratorja fir-reġjun. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent, dan l-appoġġ huwa mmirat b'mod komprensiv lejn it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-proċedura tal-ażil u l-kapaċità ta' akkoljenza, il-għieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, iż-żieda fil-kooperazzjoni ta' riammissjoni u r-ritorni lejn il-pajjiż ta' oriġini ta' dawk il-migranti irregolari mingħajr dritt li jibqgħu fit-territorju, u t-tisħiħ tas-sistemi tal-ażil u tal-protezzjoni u l-kapaċitajiet ta' akkoljenza, kif ukoll il-kisba ta' allinjament tal-politika dwar il-viżi. Skont il-Frontex, fl-2022, l-Istati Membri tal-UE rritornaw 5 962 ċittadin ta' pajjiżi terzi lejn il-Balkani tal-Punent, 22 % aktar meta mqabbel mal-2021. L-Albanija kienet il-pajjiż ewlieni tad-destinazzjoni għal dawn ir-ritorni, segwita mis-Serbja u l-Maċedonja ta' Fuq. Barra minn hekk, sat-8 ta' Ġunju 2023, skont l-IOM, kien hemm madwar 3 657 migrant u refuġjat fiċ-ċentri ta' akkoljenza tar-reġjun u madwar 700 barra mill-faċilitajiet ta' akkoljenza. Meta mqabbla, il-kapaċità ta' akkoljenza totali kienet ta' madwar 12 172 post. Il-Balkani tal-Punent qed jipparteċipaw fis-Sħubija Operazzjonali reġjonali Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin, immedija f'Novembru 2022 biex jiġi appoġġat l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja kontra n-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin kriminali u biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri.

Sa Settembru 2023, waslu 22 421 migrant irregolari mit-Turkija lejn l-UE (inklużi l-Greċja, l-Italja u l-Bulgarija), meta mqabbla mat-22 821 wasla matul l-istess perjodu fl-2022. Il-wasliet fil-Greċja żdiedu b'123 %, filwaqt li r-rotta tal-baħar lejn l-Italja rat tnaqqis sostanzjali (tnaqqis ta' 55 %). L-għadd ta' wasliet f'Ċipru permezz tal-Linja l-Ħadra naqas b'mod sinifikanti bi 42 %.

Id-dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija tal-2016 baqgħet il-qafas ewlieni għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u kompliet tagħti riżultati, minkejja sfidi kontinwi fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni. It-Turkija kompliet ukoll taqdi rwol ewlieni fl-indirizzar tal-migrazzjoni tul ir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran. It-Turkija sostniet l-isforzi enormi tagħha biex tospita

3,6 miljun refuġjat mis-Sirja u minn pajjiżi oħra, u l-UE żammet l-appoġġ sostanzjali tagħha. Il-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija kienet immobilizzat EUR 6 biljun, b'EUR 5,1 biljun żborżati minn Settembru 2023. Wara finanzjament tranżitorju ta' EUR 535 miljun fl-2020, il-Kummissjoni kompliet bl-implimentazzjoni tal-pakkett ta' EUR 3 biljun mitlub mill-Kunsill.

Il-**liberalizzazzjoni tal-viża** għadha għodda b'saħħitha sabiex jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn il-persuni u jiġu appoġġati r-riformi fil-Balkani tal-Punent u fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvankif ukoll fl-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia fl-oqsma tal-ġustizzja, tas-sigurtà u tal-libertajiet fundamentali. Kif ikkorroborat mir-rapport tal-2023 skont il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża¹, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq², is-Serbja, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna jeħtieġ li jiżguraw aktar allinjament tal-politika dwar il-viża mal-listi tal-UE ta' pajjiżi terzi meħtieġa għall-viża, b'mod partikolari daww il-pajjiżi terzi li jippreżentaw migrazzjoni irregolari jew riskji ta' sigurtà għall-UE. L-allinjament tal-politika dwar il-viża mal-UE jibqa' kruċjali għall-funzjonament tajjeb tar-reġimi mingħajr viża ta' dawn is-sħab mal-UE. Matul il-perjodu ta' rapportar, it-Turkija ma għamlet l-ebda progress fir-rigward tat-tlestija tal-parametri referenzjarji tal-Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża li għadhom miftuħa.

Riforma tal-amministrazzjoni pubblika

Il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika u tal-qafas regolatorju huma kruċjali għall-**kompetittività fit-tul** tal-UE³. Għal diversi snin, il-Kummissjoni Ewropea sistematikament tat gwida u appoġġ lill-Istati Membri prospettivi tal-UE dwar kif għandhom jibnu amministrazzjonijiet pubbliċi stabbli u bi prestazzjoni tajba bbażati fuq il-ħames prinċipji ta' *tfassil ta' politika tajba*, *il-ġestjoni tas-servizz ċivili*, *organizzazzjoni effettiva tal-istat* u *linji ċari ta' responsabbiltà*, *il-forniment ta' servizzi bla xkiel u orjentat lejn iċ-ċittadini* u *ġestjoni finanzjarja pubblika* tajba. Filwaqt li l-pajjiżi tat-tkabbir jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fl-appoġġ, il-biċċa l-kbira għad ma għandhomx l-impenn politiku u t-tmexxija meħtieġa biex jindirizzaw ir-riformi l-aktar sensittivi li jaffettwaw kultura prinċipalment klijentelista u jibnu strutturi u sistemi aktar stabbli u professjonali. Għalissa, il-biċċa l-kbira tar-riformi huma aktar għad-dehra milli sostantivi. Jekk il-pajjiżi ma jibdewx ibiddu l-kultura amministrattiva predominanti, l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom se jkomplu jsibuha diffiċli biex jattiraw u jżommu t-talent meħtieġ biex jikkoordinaw u jwettqu l-politiki, is-servizzi u l-investimenti meħtieġa biex jinbnew il-prospertà fit-tul u l-benesseri tas-soċjetà.

B'mod ġenerali, il-pajjiżi tat-tkabbir għadhom, fl-aħjar każ, **imħejjija b'mod moderat** f'dak li jirrigwarda l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika tagħhom. Matul il-perjodu ta' rapportar, il-progress fir-riforma kien b'mod ġenerali limitat ħafna. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet mis-sena/snin ta' qabel għadhom japplikaw. Xejra tipika hija li hemm parzjalment fis-seħħ bażi legali u istituzzjonali formali għal amministrazzjoni professjonali, iżda li ma hijiex applikata sistematikament. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għandhom **strateġiji ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika** (ħlief it-Turkija) jew qed jaġġornawhom. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom mhijiex uniformi u spiss ma tirriżultax f'riformi sostenibbli jew ikollha impatt dejjiemi fuq il-bini ta' amministrazzjoni pubblika aħjar.

¹ [COM\(2023\) 730 final](#)

² Il-Maċedonja ta' Fuq kisbet allinjament kważi totali tal-politika tagħha dwar il-viżi mal-listi tal-UE; pajjiż wieħed biss (it-Turkija) li iċ-ċittadini tiegħu jeħtieġu viża biex jidhru fl-UE għandu ftehim ta' eżenzjoni mill-viża mal-Maċedonja ta' Fuq.

³ [COM\(2023\) 168 final](#), [COM\(2023\) 667 final](#)

Għall-Ukrajna, hemm elementi ta' progress iżda għad fadal sfidi wkoll minħabba ċ-ċirkostanzi tal-gwerra. Il-Georgia u l-Moldova għamlu xi progress fit-tisħiħ tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom wara l-adozzjoni ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika u pjanijiet ta' azzjoni relatati.

Il-kwalità tal-koordinazzjoni u l-iżvillup tal-politika jibqgħu l-pedament tar-riformi tal-amministrazzjoni pubblika. Il-pajjiżi tat-tkabbir jeħtieġ li jinformaw b'mod sistematiku l-politika u l-leġiżlazzjoni *bid-data* u l-evidenza, ifasslu l-leġiżlazzjoni u l-politiki b'mod konsultattiv inklużiv u jivvalutaw l-impatt potenzjali tagħhom. Ippjanar tajjeb u proċess ġust tal-aġenda ta' politika jibnu l-fiduċja, ir-reżiljenza u ambjent regolatorju aktar prevedibbli għall-pubbliku u għan-negozji.

Fir-rigward tar-riżorsi umani u l-ġestjoni tas-servizz ċivili, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għadhom qed isibuha diffiċli biex jiżviluppaw u jimplementaw b'mod sistematiku sistema ta' salarji trasparenti, koerenti u ġusta kif ukoll sistema ta' reklutaġġ, promozzjoni u tkeċċija fuq il-bażi tal-mertu. Dawn ir-riformi huma meħtieġa biex jattiraw u jżommu persunal motivat u kwalifikat u joħolqu servizz ċivili professjonali u bi prestazzjoni tajba. Madankollu, il-ġestjoni ta' riformi bħal dawn għandha t-tendenza li tkun sensitiva ħafna. Il-fehim tal-interessi u t-tħassib differenti tal-partijiet ikkonċernati u l-iżgurar ta' appoġġ wiesa' huma kruċjali sabiex jinkiseb progress.

L-organizzazzjoni effettiva tal-istat u r-responsabbiltà għadhom imxekkla minn nuqqas ta' progress fis-*simplifikazzjoni tal-istrutturi tal-istat* u l-istabiliment ta' linji ċari ta' responsabbiltà bejn il-ministeri u l-korpi subordinati (fil-Bożnija-Herzegovina, fl-Albanija, fil-Kosovo, fil-Maċedonja ta' Fuq, dis-Serbja u fil-Moldova). Il-*kapaċità tal-qrati amministrattivi* u l-kwalità tad-deċiżjonijiet mhumiex biżżejjed biex jiżguraw id-drittijiet tal-individwi għall-ġustizzja amministrattiva (fis-Serbja, fil-Maċedonja ta' Fuq, fl-Albanija, fil-Bożnija-Herzegovina, u fil-Moldova). Il-kwalità tal-*korpi ta' sorveljanza* tvarja, u r-rakkomandazzjonijiet ma jiġux segwiti b'mod sistematiku, u b'hekk jiġu limitati l-ekwilibriju ta' setgħat effettivi u l-opportunitajiet għal titjib sistemiku. It-titjib tal-*governanza f'diversi livelli* jeħtieġ kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-iżgurar tal-kwalità tas-servizz fil-livelli kollha u r-responsabbiltajiet amministrattivi jridu jkunu jaqblu mar-riżorsi u l-kapaċità. Minħabba l-importanza li jiġi żgurat kemm bilanċ xieraq bejn il-gvern ċentrali, reġjonali u lokali, kif ukoll applikazzjoni koerenti tar-regoli, il-proċeduri u l-istandards fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika, jeħtieġ aktar sforzi fil-pajjiżi kollha.

Il-forniment ta' **servizzi amministrattivi diġitali** għadu l-aktar qasam avanzat tal-aġenda ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika, speċjalment fl-Albanija, is-Serbja u l-Ukrajna. Filwaqt li pajjiżi oħra għad iridu jlaħħqu magħhom, il-pajjiżi kollha jridu jkomplu jiżguraw li s-servizzi pubbliċi jkunu aċċessibbli bl-istess mod għal persuni b'mezzi jew ħiliet diġitali insuffiċjenti. Hemm ukoll lok biex il-proċessi amministrattivi jiġu ssimplifikati aktar u jonqos il-piż regolatorju fuq il-pubbliku u n-negozji.

In-nuqqas ta' effettività u integrità tas-sistema ta' **ġestjoni finanzjarja pubblika** jdgħajjef il-fiduċja u jaffettwa kemm il-*ġenerazzjoni tad-dħul pubbliku* kif ukoll il-*ġestjoni tan-nefqa* fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tat-tkabbir. *It-trasparenza baġitarja u l-effettività tan-nefqa pubblika* huma kwistjonijiet kritiċi, speċjalment fi żminijiet ta' restrizzjonijiet fiskali li qed jiżiedu. Is-sistemi tal-*akkwist pubbliku* għad għandhom wisq lakuni biex jiżguraw allokkazzjoni effiċjenti tal-flus tal-kontribwenti. Kultura ta' *responsabbiltà maniġerjali* u *awditi interni u esterni* tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi ta' pajjiż, iżda din għadha mhijiex in-norma. Il-kwalità tal-*ġestjoni tal-assi* u *tal-investment* jeħtieġ li titjeb ħafna aktar biex il-pajjiżi tat-

tkabbir ikunu jistgħu jagħlqu d-distakk fl-infrastruttura mal-Istati Membri tal-UE u jaħsdu l-benefiċċji tas-sħubija futura fl-UE, inkluż il-finanzjament għall-investimenti.

Soċjetà ċivili

Soċjetà ċivili ħielsa u emanċipata hija komponent ewlieni ta' kwalunkwe sistema demokratika. Fil-pajjiżi tat-tkabbir, hemm soċjetà ċivili attiva u vibranti li timmonitorja l-azzjonijiet tal-gvern u tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom ukoll fornituri ta' servizzi, u b'mod partikolari joffru assistenza lil persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u li jieħdu sehem fir-rispons umanitarju għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda hi minqusa f'oqfsa legali u titgawda b'mod ġenerali. Madankollu, għad hemm bżonn ta' riformi biex jiġu applikati bis-sħiħ l-istandards internazzjonali, u hemm bżonn aktar konsistenza fl-implimentazzjoni. Is-soċjetà ċivili tiffaċċja pressjoni kontinwa u l-ispazju tagħha biex topera liberament kompli jonqos, b'restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tagħha u ta' dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem. L-użu ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (strategic lawsuits against public participation, SLAPP), inkluż minn uffiċjali pubbliċi, qed jiżdied b'mod allarmanti fis-Serbja u fil-Bożnija-Herzegovina, u qed iseħħ ukoll f'pajjiżi oħra, bħall-Albanija. Bl-istess mod, huwa essenzjali li l-miżuri ta' sigurtà ma jintużawx ħażin, pereż. jiġu strumentalizzati biex jattakkaw avversarji politiċi jew kritiċi permezz ta' leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu fit-Turkija, aċċess liberu għall-informazzjoni fil-Montenegro, u regoli ta' kontroll u rapportar eċċessivi dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus fil-Kosovo li għadhom ma tħassrux. L-aktar żviluppi inkwetanti, madankollu, huma marbuta mal-iżvilupp ta' "liġijiet dwar l-aġenti barranin" li jwasslu għall-istigmatizzazzjoni u r-repressjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn kienu ppreżentati fl-entità *Republika Srpska* tal-Bożnija-Herzegovina u fil-Georgia (iżda sussegwentement ġew irtirati fil-Georgia minħabba pressjoni internazzjonali u lokali).

Jeħtieġ li jsir progress sinifikanti - pereżempju fil-Georgia, is-Serbja, il-Montenegro, il-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo - biex jitjiebu d-disponibbiltà u t-trasparenza tal-finanzjament pubbliku, li jenħtieġ li jitqassam fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi. Filwaqt li l-qafas legali dwar il-filantropija u d-donazzjonijiet tjejb fil-Moldova, il-liġijiet dwar il-volontarjat għadhom pendenti fl-Albanija u fil-Montenegro. Il-proċessi għar-regiżtrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jeħtieġ li jitjiebu, inkluż fl-Albanija, fil-Maċedonja ta' Fuq u fil-Montenegro.

Minkejja l-eżistenza ta' politiki għat-tisħiħ tal-ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili jew għall-kooperazzjoni governattiva mas-soċjetà ċivili fl-Albanija, il-Kosovo, il-Maċedonja ta' Fuq jew l-Ukrajna, l-implimentazzjoni tagħhom mhijiex biżżejjed u spiss tiddependi fuq il-finanzjament ta' donaturi. Fit-tfassil tal-politika, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jirrikonoxxu l-kontribuzzjoni siewja tas-soċjetà ċivili. Hemm ukoll mekkaniżmi għal konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa, iżda jeħtieġ li l-mod kif jiġu applikati jitjieb. Għad hemm dgħufijiet fil-mekkaniżmi istituzzjonalizzati għall-kooperazzjoni bejn is-soċjetà ċivili u l-gvern. Huwa essenzjali li l-gvernijiet jiżguraw il-kundizzjonijiet għal parteċipazzjoni sinifikanti u inklużiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika.

Ekonomija

Wara l-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa mir-Russja fi Frar 2022, l-10 ekonomija tat-tkabbir iltaqgħu ma' sfidi ekonomiċi u soċjali kbar. Fl-Ukrajna, il-PDG naqas b'29,1 % fl-2022 billi l-pajjiż kollu kien affettwat b'mod profond mill-gwerra ta' aggressjoni Russa li rriżultat fi pressjoni sinifikanti fuq l-istabbiltà makroekonomika. It-tkabbir tal-PDG tar-reġjun

tal-Balkani tal-Punent naqas għal 3,2 % fl-2022, minn irkupru ta' 7,7 % mir-reċessjoni kkawżata mill-COVID-19 fl-2021. Madankollu, is-severità tat-tnaqqis fir-ritmu kienet tvarja fost l-ekonomiji, bit- tkabbir tal-PDG reali jinżel għal 6,1 % fil-Montenegro, 5,6 % fit-Turkija, 4,8 % fl-Albanija, 4 % fil-Bożnija-Herzegovina, 3,5 % fil-Kosovo, 2,3 % fis-Serbja, u 2,1 % fil-Maċedonja ta' Fuq. Fil-Moldova, il-PDG naqas drastikament b'5,9 %, u fil-Georgia l-PDG kompli jikber f'livelli b'żewġ ċifri (10,1 %). Id-differenzi fit-tkabbir ekonomiku f'dawn il-pajjiżi kienu prinċipalment xprunati minn konsegwenzi diretti u indiretti tal-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna, inkluż l-impatt tagħha fuq ir-rabtiet kummerċjali, l-enerġija, il-prezzijiet tal-ikel u l-migrazzjoni. Il-perspettiva ekonomika għall-10 ekonomiji għadha mdawra minn inċertezza kbira dwar l-impatt ulterjuri tal-gwerra fuq it-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.

Matul l-2022, il-pajjiżi adottaw **miżuri fiskali** biex itaffu l-impatt ekonomiku tal-gwerra u taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel. Billi l-prezzijiet tal-enerġija naqsu sostanzjalment mill-quċċata tagħhom, il-miżuri issa jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, filwaqt li jiġi żgurat li l-konsolidazzjoni fiskali tinżamm u l-protezzjoni soċjali tkun immirata tajjeb lejn dawk li jeħtiġuha. L-inflazzjoni fil-Balkani tal-Punent, fil-Moldova u fil-Georgia bdiet tonqos mill-quċċata tagħha fil-ħarifa tal-2022 wara li kienet żdiedet b'mod sostanzjali. Fit-Turkija, l-inflazzjoni naqset ukoll fl-ewwel nofs tal-2023, wara li l-pressjonijiet globali tal-prezzijiet flimkien ma' politika monetarja mhux ortodossa wasslu għal deprezzament kbir fil-lira u wasslu għall-ogħla inflazzjoni fl-aħħar żewġ deċennji (aktar minn 85 % f'Ottubru 2022). Fl-Ukrajna, it-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista, l-ispejjeż oġġla tal-produzzjoni u l-istampar tal-flus mill-Bank Nazzjonali biex jiffinanzja l-gwerra wasslu għal żieda qawwija fl-inflazzjoni, li laqget quċċata ta' 26,6 % fi tmien l-2022 qabel ma bdiet tonqos.

Is-swieq tax-xogħol fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija għadhom ikkaratterizzati minn attività kumplessivament baxxa (speċjalment fost in-nisa u ż-żgħażaġh), qgħad għoli u brain drain ta' ħaddiema tas-sengħa. L-ispariġġ strutturali fil-ħiliet għadu jippersisti, xprunat minn nuqqas ta' investment fil-kapital uman u sistemi edukattivi dgħajfa. Dan jirrikjedi politiki tas-suq tax-xogħol aktar attivi, djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku msaħħaħ u investimenti fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid. F'dan il-kuntest, is-sħab tal-Balkani tal-Punent impenjaw ruħhom fl-2021 li jistabbilixxu skemi ta' garanzija għaż-żgħażaġh skont il-mudell tal-UE. Minn nofs l-2023, il-biċċa l-kbira minnhom kienu stabbilew gruppi ta' esperti interministerjali biex jiżviluppaw pjanijiet ta' implimentazzjoni. Tlieta kienu diġà adottaw il-pjanijiet tagħhom, u xi wħud kienu diġà bdew bi proġett pilota tal-iskema fl-2023. Is-swieq tax-xogħol fil-Moldova u fil-Georgia marru pjuttost tajjeb fl-2022, u bbenefikaw mill-wasla ta' refuġjati kwalifikati li qed jaħarbu mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-mobilizzazzjoni fir-Russja, għalkemm għad hemm dgħufijiet strutturali. Madankollu, livelli għoljin ta' impjiegi informali għadhom kwistjoni ewlenija fil-pajjiżi sħab kollha. Fl-Ukrajna, il-flussi tar-refuġjati u l-ispostament intern, flimkien mal-qerda enormi tal-kapital, affettwaw b'mod drammatiku s-suq tax-xogħol, li diġà kien ikkaratterizzat minn rata ta' attività relattivament baxxa u brain drain. Se jkunu meħtieġa sforzi enormi biex jerġa' jinbena suq tax-xogħol li jiffunzjona u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet ladarba l-gwerra tintemm. It-tisħiħ tad-djalogu soċjali, inkluż li tinbena l-kapaċità tal-imsieħba soċjali, se jkun kruċjali f'dak ir-rigward.

Huwa dejjem aktar importanti li l-10 ekonomiji tat-tkabbir kollha jaċċelleraw **ir-riformi strutturali** biex jippermettu rkupru sostenibbli fit-terminu medju u jagħmlu progress biex jissodisfaw iż-żewġ kriterji ekonomiċi għas-sħubija fl-UE: li jiġi żgurat li l-ekonomiji tas-suq qed jiffunzjonaw u jintwera li kapaċi jlaħħqu mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni Ewropea.

F'termini ta' **ekonomiji tas-suq li jiffunzjonaw**, l-ebda wieħed mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ma jista' attwalment jitqies li għandu ekonomija tas-suq li tiffunzjona bis-sħiħ, u l-livelli ta' konformità jvarjaw minkejja l-progress f'xi pajjiżi. Filwaqt li l-Bożnija-Herzegovina għadha fi stadju bikri ta' tħejjija mingħajr ebda progress matul is-sena li għaddiet, il-biċċa l-kbira tas-sħab l-oħra għamlu xi progress jew progress tajjeb fil-bini ta' ekonomiji tas-suq li jiffunzjonaw u laħqu livell moderat jew tajjeb ta' tħejjija. L-ekonomija tas-suq tat-Turkija hija avvanzata sew, iżda għad hemm tħassib serju dwar il-funzjonament tagħha billi marret lura f'elementi ewlenin, bħall-imgħiba tal-politika monetarja u l-ambjent istituzzjonali u regolatorju. Ittieħdu passi wara l-elezzjoni biex xi punti ta' tħassib jiġu indirizzati. Il-Moldova u l-Ukrajna jinsabu fi stadju bikri/f'xi livell ta' tħejjija, filwaqt li l-Georgia hija moderatament preparata. F'termini tal-kapaċità tagħhom li jlaħħqu mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq, it-Turkija biss għandha livell tajjeb ta' preparazzjoni. Is-Serbja, il-Montenegro u l-Maċedonja ta' Fuq huma moderatament preparati, l-Albanija u l-Georgia għandhom grad ta' preparazzjoni, il-Bożnija-Herzegovina u l-Moldova jinsabu fi stadju bikri/għandhom grad ta' preparazzjoni, filwaqt li l-Kosovo u l-Ukrajna jinsabu fi stadju bikri.

Il-livell ta' implimentazzjoni tal-gwida politika miftiehma b'mod konġunt kompli sejjer għall-aghħar fil-Balkani tal-Punent u fit-Turkija, u naqas minn 50,8 % fl-2020 għal 42,9 % fl-2021 u għal 40,8 % fl-2022. L-implimentazzjoni tal-gwida politika hija kruċjali għall-pajjiżi biex ikomplu jallinjaw l-ekonomiji tagħhom ma' dawk tal-UE u jippreparaw għall-parteċipazzjoni futura tagħhom fil-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u soċjali. Hemm bżonn li s-sostenibbiltà fiskali tissaħħaħ, jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapital uman, u tinbena reżiljenza għal xokkijiet futuri. Jenħtiegħ li jkomplu l-isforzi għall-avvanz tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, għat-titjib tal-ambjent tan-negozju u għall-approfondiment tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali fuq il-bażi tal-istandards tal-UE biex jiġi attirat l-investment u tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku.

Anness 2. Implimentazzjoni tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent

L-implimentazzjoni tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment (Economic and Investment Plan, EIP) għall-Balkani tal-Punent⁴, adottat fis-6 ta' Ottubru 2020, għaddejja ġmielha. Il-pjan għandu l-għan li jikseb integrazzjoni aktar mill-qrib u li jnaqqas id-distakk soċjoekonomiku bejn ir-reġjun u l-UE, filwaqt li jassisti t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tiegħu u jjarreb lill-Balkani tal-Punent lejn is-suq uniku tal-UE. Il-pjan huwa implimentat permezz ta' pakkett ta' EUR 9 biljun ta' għotjiet tal-UE u l-Faċilità ta' Garanzija għall-Balkani tal-Punent, li mistennija tattira sa EUR 20 biljun f'investimenti.

L-impatt ta' dawn l-investimenti fuq l-ekonomija tar-reġjun huwa mistenni li jiġi amplifikat minn avvanzi tanġibbli fl-implimentazzjoni tas-Suq Reġjonali Komuni u l-Programmi ta' Riforma Ekonomika, kif ukoll progress li għadu għaddej fl-oqsma tal-istat tad-dritt, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

Sal-lum, l-UE approvat jew impenjat finanzjament ta' EUR 4,29 biljun f'għotjiet u hija mistennija li **tingrana aktar minn EUR 10,76 biljun f'investiment** minn sorsi oħra. Dan jinkludi finanzjament għal 54 proġett ewlieni fil-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent (Western Balkans Investment Framework, WBIF), azzjonijiet bilaterali u multinazzjonali taħt il-finanzjament tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (Instrument for Pre-accession Assistance, IPA) u IPARD (IPA għall-Iżvilupp Rurali) b'appoġġ għall-miżuri agrikoli. Barra minn hekk, l-UE approvat il-proviżjonament ta' 21 garanzija fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD+), li se jingranaw investiment sinifikanti permezz ta' banek u istituzzjonijiet ta' finanzjament internazzjonali.

L-investiment fil-konnettività tat-trasport jiffoka fuq l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma f'konformità mal-prijoritajiet tan-networks trans-Ewropej tat-trasport. Jiffoka wkoll fuq it-titjib u l-ekoloġizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti biex jingħata kontribut għal soluzzjonijiet ta' mobilità intelliġenti f'konformità mal-Aġenda Ekoloġika.

Il-proġetti ewlenin approvati fil-qafas tad-WBIF bħala parti mill-EIP jiffukaw fuq: (i) l-ferrovija tal-Kuritur X Serbja-Bulgarija; (ii) l-Awtostrada tal-Paċi, li tgħaqqad il-Kosovo mas-Serbja; (iii) l-awtostrada tal-Kuritur Vc fil-Bożnija-Herzegovina, li tgħaqqad il-pajjiż mal-Adrijatiku, l-Ungerija u l-Kroazja; (iv) l-Awtostrada Blu fl-Albanija; (v) l-awtostrada tal-Kuritur VIII fil-Maċedonja ta' Fuq; u (vi) interkonnetturi u bypasses oħra fil-forma ta' awtostrada u tal-ferrovija fir-reġjun.

Dawn il-proġetti jikkomplementaw l-investimenti fil-konnettività adottati fis-snin preċedenti, li bosta minnhom tlestew fl-aħħar xhur. Dawn jinkludu s-sezzjoni tal-awtostrada tal-Kuritur Vc Tarcin u l-Mina Ivan fil-Bożnija-Herzegovina u t-taqsimha ferrovjarja tal-Kuritur IV Bar-Vrbnica fil-Montenegro.

F'koordinazzjoni mas-Segretarjat Permanenti tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport, ir-reġjun qed ikompli jaħdem ukoll fuq miżuri ta' riforma permezz tal-implimentazzjoni ta' ħames pjanijiet ta' azzjoni settorjali (il-ferroviji, it-toroq, is-sikurezza fit-toroq, il-faċilitazzjoni tat-trasport, u t-trasport fuq l-ilma u l-multimodalità) u l-istrateġija ta' mobilità sostenibbli u intelliġenti għall-Balkani tal-Punent. Il-pjan ta' ħidma kontinwu ta' 5 snin

⁴ [COM\(2020\) 641 final](#).

approvat mis-sitt sħab iservi bħala għodda ta' ppjanar addizzjonali għar-riformi u l-infrastruttura li r-reġjun għandu jagħtihom prijorità fis-snin li gëjjin.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti qed jirċievu għajnuna mill-programm tat-trasport sikur u sostenibbli ta' EUR 80 miljun adottat mill-Bord Operazzjonali tad-WBIF f'Ġunju 2023. Dan jiffinanzja soluzzjonijiet ta' mobilità intelliġenti u sostenibbli permezz tad-dekarbonizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni.

Wara l-introduzzjoni b'suċċess ta' "korsiji hodur" fir-reġjun matul il-pandemija tal-COVID-19, qed jinħolqu wkoll korsiji hodur u blu simili (fil-qsim marittimu) bejn il-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tal-UE bħala parti mill-miżuri ta' faċilitazzjoni tat-trasport. Bħalissa għaddejjin proġetti pilota mal-Greċja, l-Italja u l-Kroazja, u qed jiġu nnegozjati korsiji fil-fruntiera bejn is-Serbja u l-Ungerija.

Fl-aħħar nett, bħala parti mill-proposta għal reviżjoni tar-Regolament dwar in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), ġie stabbilit kuritur tal-Balkani tal-Punent, u dan ġie inkluż fin-network komprensiv u parzjalment fin-network ewlieni. Dan juri l-impenn tal-UE li jkun hemm konnettività fir-reġjun, li huwa meqjus bħala parti integrali min-network tat-trasport tal-UE.

F'termini ta' assistenza finanzjarja għal trasport sostenibbli taħt l-EIP, sa issa ġew approvati EUR 1,74 biljun fil-qafas tad-WBIF u impenjati bi programmi bilaterali u multinazzjonali tal-IPA. Dan huwa mistenni li jingrana EUR 5,7 biljun addizzjonali minn sorsi oħra.

Il-proġetti ewlenin **tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tal-konnettività** jiffokaw fuq investiment fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-"mewġa ta' rinnovazzjoni" tal-effiċjenza enerġetika, u l-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni mill-faħam. Is-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista jingħataw għajnuna wkoll.

F'Ottubru 2022, il-Kummissjoni ħabbret pakkett ta' appoġġ għall-enerġija ta' EUR 1 biljun għar-reġjun. Nofs l-ammont huwa appoġġ immirat għal gruppi soċjali vulnerabbli u negozji, u n-nofs l-ieħor huwa biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija, speċjalment permezz ta' investimenti f'miżuri tal-effiċjenza enerġetika, id-diversifikazzjoni tal-provvista u l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-biċċa l-kbira tal-appoġġ dirett ġie żborżat fil-bidu tal-2023, filwaqt li l-prijoritizzazzjoni u l-adozzjoni tal-investimenti qed iseħħu fl-2023.

Il-Bord Operazzjonali tad-WBIF sa issa adotta 18-il proġett ta' investiment tal-EIP li jiffukaw fuq il-konstruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija solari/fotovoltajka (pereż. fl-Albanija, il-Kosovo u l-Maċedonja ta' Fuq), parks eoliċi (pereż. fis-Serbja), ir-riabilitazzjoni tal-impjanti idroelettriċi (pereż. fl-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja), in-network tat-trażmissjoni tal-elettriku (pereż. il-kuritur tal-elettriku Trans-Balkan) u l-effiċjenza enerġetika. L-UE qed tappoġġa u tinvesti wkoll fl-interkonnetturi tal-gass biex tiżgura diversifikazzjoni aħjar tas-sorsi tal-enerġija.

Sabiex tippromwovi l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika u tappoġġa l-progress fir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku u privat, il-Kummissjoni għamlet riforniment ta' EUR 100 miljun għall-programm reġjonali tal-effiċjenza enerġetika, bi ftehim ta' kontribuzzjoni ffirmat f'Diċembru tal-2022. Il-finanzjament ta' EUR 45 miljun għal faċilità ta' garanzija ddedikata għal proġetti relatati prinċipalment mal-effiċjenza enerġetika u mas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli rċieva opinjoni pożittiva mill-Bord Operazzjonali tad-WBIF f'April 2022 u bħalissa qed jiġi nnegozjat.

F'Diċembru 2022, il-Balkani tal-Punent adottaw miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030 fil-qafas tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija. Fuq din il-bażi, bħalissa qed jiżviluppaw il-

pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima rispettivi li jstabilixxu l-passi biex dawn il-miri jintlaħqu. Il-Kummissjoni u l-Komunità tal-Enerġija qegħdin ukoll fi djalogu mal-Balkani tal-Punent dwar l-iżvilupp ta' skema reġionali għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala parti mill-proċess ta' adegżjoni tagħhom.

It-tranżizzjoni mill-faħam fir-reġjun, li l-biċċa l-kbira tiegħu jiddependi ħafna fuq il-fuels fossili, se tkun sfida soċjoekonomika ewlenija. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet qed tappoġġa l-pjattaforma ta' kooperazzjoni għar-reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni fil-Balkani tal-Punent u fl-Ukrajna, li tirrifletti inizjattiva simili tal-UE. Diġà seħħet serje sħiħa ta' skambji bilaterali mar-reġjuni tal-UE, filwaqt li qed jiġu pjanati oħrajn.

F'termini ta' assistenza finanzjarja għal enerġija nadifa taħt l-EIP, EUR 617-il miljun sa issa ġew adottati taħt id-WBIF u impenjati taħt programmi bilaterali u multinazzjonali tal-IPA. Dan huwa mistenni li jingrana EUR 1,3 biljun addizzjonali minn sorsi oħra.

Barra minn hekk, il-Bord Operazzjonali tad-WBIF ħareġ opinjoni pożittiva dwar il-proviżjonament ta' sitt garanziji ta' aċċess miftuħ relatati li huma mistennija jiġġeneraw investimenti sinifikanti fl-infrastruttura, fl-efċjenza u fit-tranżizzjoni enerġetika. Il-kuntratti bħalissa qed jiġu nnegożjati.

Il-prijoritajiet tal-EIP dwar it-trasport u l-enerġija jikkomplementaw l-isforzi fil-qasam **tal-ambjent u t-tibdil fil-klima**. Flimkien jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent, adottata bl-EIP u approvata mill-mexxejja tal-Balkani tal-Punent permezz tad-Dikjarazzjoni ta' Sofija f'Novembru 2020. L-aġenda b'ħames pilastri tiddependi fuq riformi regolatorji u investimenti fir-reġjun biex jiġi allinjat mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tranżizzjoni tal-enerġija, il-prevenzjoni tat-tniġġis, l-ekonomija ċirkolari, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel. L-implimentazzjoni tal-aġenda hija promossa mill-proġetti ewlenin tal-EIP relatati mat-trasport sostenibbli, it-tranżizzjoni enerġetika u l-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma mormi.

Ir-reġjun qed jimplimenta pjan ta' azzjoni dettaljat għall-aġenda, approvat mill-mexxejja fis-summit ta' Brdo ta' Ottubru 2021. Filwaqt li l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali jżomm rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-inizjattivi reġjonali taħt l-Aġenda Ekoloġika, il-Kummissjoni kkonkludiet programm EU4Green ta' EUR 11-il miljun mal-Aġenzija Awstrijaka għall-Ambjent biex jgħin lil kull sieħeb jaħdem fuq l-istrateġiji u r-riformi proprji tiegħu.

Minbarra l-proġetti tal-enerġija u t-trasport imsemmija qabel, l-investment appoġġat mill-UE insostenn tal-Aġenda Ekoloġika jiffoka fuq il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma mormi, l-ekonomija ċirkolari, il-protezzjoni ambjentali u l-agrikoltura sostenibbli. Fil-qafas tal-inizjattiva ewlenija 7, il-Bord Operazzjonali tad-WBIF u l-Kummissjoni sa issa approvaw finanzjament għal seba' proġetti ta' investment fil-ġestjoni tal-ilma u tal-ilma mormi fis-sitt pajjiżi sħab kollha (inkluż fil-bliet kapitali Podgorica, Skopje, Belgrad u Sarajevo) u tliet programmi li jappoġġaw il-ġestjoni tal-iskart (fl-Albanija, fil-Maċedonja ta' Fuq u fis-Serbja). Hemm ukoll sensiela ta' programmi bilaterali relatati mal-bijodiversità u l-protezzjoni ambjentali ta' żoni speċifiċi (pereż. il-Lag Prespa). Hemm ukoll programm reġjonali għall-ġlieda kontra t-tniġġis fil-bliet insostenn tal-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, li jgħin lill-bliet jiżviluppaw pjanijiet u jimplimentaw proġetti pilota f'dan il-qasam.

L-IPARD huwa fil-biċċa l-kbira responsabbli għall-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika agroalimentari. Sa issa ġew impenjati EUR 152 miljun bl-EIP biex jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-produzzjoni sostenibbli tal-ikel.

F'termini ta' assistenza finanzjarja għall-ħarsien tal-ambjent u għat-tibdil fil-klima fil-qafas tal-EIP, sa issa ġew adottati EUR 633 miljun fil-qafas tad-WBIF u impenjati fil-qafas ta' programmi bilaterali u multinazzjonali tal-IPA u tal-IPARD. Dan huwa mistenni li jingrana EUR 685 miljun addizzjonali minn sorsi oħra.

Barra minn hekk, il-Bord Operazzjonali tad-WBIF ta opinjoni pożittiva dwar il-proviżjonament ta' erba' garanziji ta' aċċess miftuħ relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, immirati lejn it-tranżizzjoni sostenibbli tal-bliet, il-bjar tal-karbonju u l-bonds ekoloġiċi. Il-kuntratti qed jitħejjew bil-ħsieb li jiġu ffirmati fl-2023.

L-EIP jappoġġa wkoll lir-reġjun **fit-trasformazzjoni diġitali** tiegħu permezz ta' assistenza teknika u investiment. Din tiffoka fuq ir-riformi regolatorji li jwasslu għall-iżvilupp ta' suq tas-servizzi diġitali, u fuq il-promozzjoni tal-investiment f'soluzzjonijiet diġitali innovattivi u fl-infrastruttura diġitali. Sa issa ġew approvati żewġ proġetti taħt id-WBIF, relatati mal-broadband fis-Serbja u l-laboratorji tal-ICT fl-Albanija.

F'termini ta' riforma tal-qafas legali, il-Kummissjoni żżomm djalogu regolatorju annwali dwar il-politika diġitali mar-reġjun u tappoġġa s-summits diġitali regolari ta' livell għoli tal-Balkani tal-Punent. Fid-djalogu tat-30 ta' Ġunju 2023, l-Albanija, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja ffirmaw Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Programm Ewropa Diġitali (DIGITAL). Il-parteċipazzjoni fid-DIGITAL se tippermetti lill-pajjiżi jieħdu sehem fin-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali li jappoġġaw lill-kumpaniji u lis-settur pubbliku fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fl-2022 is-sitt pajjiżi ffirmaw id-Dikjarazzjoni għall-Futur tal-Internet, li tistabbilixxi l-viżjoni u l-prinċipji għal internet ta' fiduċja. Ir-reġjun huwa wkoll assoċjat bis-šhih mal-ħidma tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali, kienet strumentali biex tiżgura l-ftehim reġjonali dwar ir-roaming, li introduċa skema ta' Roaming Daqslikieku f'Pajjiżek fir-reġjun fl-1 ta' Lulju 2021. L-ewwel tnaqqis volontarju tat-tariffi tar-roaming tad-*data* mill-operaturi ewlenin tal-UE u tal-Balkani tal-Punent daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2023. L-operaturi qablu wkoll dwar perjodu ta' traħħis gradwali fis-snin li ġejjin bil-ħsieb li l-prezzijiet jinġiebu qrib skema ta' Roaming Daqslikieku f'Pajjiżek sal-2028.

Fl-istess ħin l-UE qed tippromwovi l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda għal diversi aspetti tal-ekonomija tal-Balkani tal-Punent, inklużi t-trasport, l-enerġija, il-loġistika, il-gvern u l-kummerċ. Inizjattiva ewlenija li tippromwovi soluzzjonijiet bħal dawn hija l-Balkathon annwali, li tippremja proġetti innovattivi għat-tranżizzjoni diġitali.

Qed jitħejja programm reġjonali, EU4Digital. Għandu baġit ta' EUR 15-il miljun, u huwa ppjanat li jiġi implimentat fi 3 snin. Il-programm għandu l-għan li jikkomplementa l-ħidma li għaddejja b'rabta mas-Suq Reġjonali Komuni - Żona Diġitali Reġjonali, fuq il-bażi tal-objettivi tal-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent.

Iċ-ċibersigurtà tibqa' element importanti tal-EIP. Tlestiet valutazzjoni tal-eżiġenzi taċ-ċibersigurtà għar-reġjun u qed isiru serje ta' avvenimenti ta' assistenza teknika bl-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (Technical Assistance and Information Exchange, TAIEX), li jibni l-preparazzjoni għall-inċidenti ċibernetiċi.

F'termini ta' assistenza finanzjarja għat-tranżizzjoni diġitali taħt l-EIP, sa issa ġew adottati aktar minn EUR 50 miljun fil-qafas tad-WBIF u impenjati fil-qafas ta' programmi bilaterali u multinazzjonali tal-IPA. Dan huwa mistenni li jingrana EUR 240 miljun addizzjonali minn sorsi oħra.

Barra minn hekk, il-Bord Operazzjonali tad-WBIF approva l-proviżjonament ta' garanzija waħda ta' aċċess miftuħ fil-qasam li ġej: il-Pjattaforma għat-Trasformazzjoni Diġitali.

L-appoġġ għas-settur privat jiffoka fuq finanzjament immirat permezz ta' faċilitajiet ta' garanzija ddedikati għan-negozji żgħar u ta' daqs medju (SMEs) biex jibdeu, jinnovaw u jsiru kompetittivi. Appoġġ simili huwa pprovdut ukoll lin-negozji agrikoli rurali permezz tal-IPARD.

Iridu jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għall-iżvilupp u t-tkabbir tas-settur privat, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (micro-, small and medium-sized enterprises, MSMEs). Dan huwa fiċ-ċentru tad-djalogu dwar il-politika ekonomika li jsir kull sena mas-sħab tal-Balkani tal-Punent permezz tal-eżerċizzju tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika (Economic Reform Programmes, ERP) u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika ekonomika li jirriżultaw, allinjati mal-prijoritajiet tal-EIP.

L-appoġġ għas-settur privat, immirat speċjalment lejn it-trawwim tal-innovazzjoni u t-tiħiħ tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja, bħalissa qed jitwassal permezz ta' sitt skemi ddedikati ta' finanzjament imħallat għas-settur privat: SMEs Go Green, Programm għall-Klima, Finanzjament Ekoloġiku għall-Inklużjoni, Aċċess Sostenibbli għall-Finanzi għall-Intraprenditorija, Go Digital u Green for Growth, għall-promozzjoni ta' self ekoloġiku.

Il-Kummissjoni qed tappoġġa wkoll il-Forum ta' Investiment tal-Kmamar tad-WB6 biex tippromwovi l-interessi ekonomiċi tal-Balkani tal-Punent u lil hinn minnhom. B'mod partikolari, dan qed jifinanzja l-programm reġjonali għall-iżvilupp tal-fornituri, li għandu l-għan li jgħin fil-ħolqien ta' rabtiet/opportunitajiet għall-fornituri domestiċi.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi bil-Garanzija għall-Balkani tal-Punent bħala parti mill-EFSD+ usa'. Dan jinkludi l-proviżjonament ta' 10 skemi ta' garanzija biex jipprovdu finanzjament ġenerali għat-tkabbir għall-SMEs u faċilità għall-kondiviżjoni tar-riskju fl-agrikoltura kif ukoll il-promozzjoni tat-tkabbir inklużiv u t-tranżizzjoni doppja. Dawn bħalissa qed jiġu kkuntrattati.

F'termini ta' assistenza finanzjarja għall-iżvilupp tas-settur privat fil-qafas tal-EIP, sa issa ġew approvati EUR 341 miljun taħt id-WBIF u impenjati taħt programmi bilaterali u multinazzjonali tal-IPA. Dan huwa mistenni li jingrana EUR 2,1 biljun addizzjonali minn sorsi oħra.

Is-sitt qasam ta' prijorità appoġġat mill-EIP huwa **l-iżvilupp tal-kapital uman u l-innovazzjoni**, inklużi ż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u t-tħaddin tal-innovazzjoni. F'Lulju 2021, il-Ministri tar-reġjun approvaw dikjarazzjoni li impenjat il-pajjiżi tagħhom għall-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-EIP. Is-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent ta' Ottubru 2021 ra t-tnedija ta' aġenda komprensiva dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażaġh u l-isport (l-Aġenda ta' Innovazzjoni).

Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hija skema ta' attivazzjoni biex jiġi żgurat li ż-żgħażaġh fil-Balkani tal-Punent jirċievu offerta ta' impjieġ ta' kwalità, edukazzjoni addizzjonali, apprendistat u taħriġ f'ċertu żmien wara li jisfaw qiegħda jew wara li jitolqu mill-edukazzjoni formali. L-iskema tirrikjedi riformi u bini tal-kapaċità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-impjieġi, is-servizzi tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali. Is-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent, ħlief il-Bożnija-Herzegovina (fejn għaddejja ħidma), adottaw pjanijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u stabbilew mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, u xi wħud diġà qed iwettqu proġetti pilota.

Fl-aħħar tal-2022, il-faċilità ta' assistenza teknika bejn il-pari tal-UE, SOCIEUX+, saret disponibbli għall-Balkani tal-Punent. Din tispeċjalizza fl-impjiegi, fix-xogħol u fil-protezzjoni soċjali u tipprovdi assistenza għal żmien qasir lill-istituzzjonijiet nazzjonali u lokali tal-pajjiżi sħab li jaħdmu fis-setturi eliġibbli. Bħalissa hemm 26 azzjoni għaddejjin fil-Balkani tal-Punent, prinċipalment relatati mal-protezzjoni soċjali, max-xogħol u mal-impjiegi.

L-Aġenda għall-Balkani tal-Punent dwar l-Innovazzjoni, ir-Riċerka, l-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Isport tkompli tpoġġi lill-Balkani tal-Punent fi triq soda lejn kooperazzjoni aktar mill-qrib f'dawk l-oqsma ta' politika. Bosta sforzi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent saħħew oqsma ewlenin bħall-għajnuna għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja, il-kooperazzjoni tal-industrija u l-manifattura intelliġenti, it-tiżni tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, it-taħriġ tal-persunal mediku, id-diġitalizzazzjoni u ċ-ċibersigurtà.

L-istrument ta' implimentazzjoni ewleni tal-Aġenda tal-Innovazzjoni huwa l-programm Orizzont Ewropa, li s-sitt isħab kollha tal-Balkani tal-Punent issa huma assoċjati miegħu. Ir-reġjun għandu wkoll aċċess għall-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki tal-RTD u żied l-involvement u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi ta' riċerka tal-UE bħal COST u EUREKA. Il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja huma assoċjati ma' Erasmus+, filwaqt li erba' sħab oħra jibbenefikaw mill-appoġġ tad-dimensjoni internazzjonali tal-programm Erasmus+. Mill-2023 'l hawn, l-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej ta' Erasmus+ hija miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja mill-Balkani tal-Punent bħala sħab sħab. L-Universitajiet Ewropej huma alleanzi transnazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jiżviluppaw kooperazzjoni strutturali u strateġika fit-tul, joħolqu l-universitajiet tal-futur u jippromwovu l-valuri u l-identità Ewropej. Is-sħab tal-Balkani tal-Punent huma wkoll partijiet sħab fl-inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-kultura, inkluż il-programm Ewropa Kreattiva u l-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Din l-inizjattiva tippromwovi l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà, l-inklużjoni u l-estetika fl-infrastruttura u fi proġetti oħrajn, u hija partikolarment relatata mal-implimentazzjoni tal-Aġenda Ekoloġika.

L-assistenza tal-UE f'dan il-qasam tinkludi wkoll kooperazzjoni mill-qrib mal-Balkani tal-Punent fil-qasam tas-saħħa. Ir-reġjun għadu assoċjat mal-ħidma tal-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa tal-UE u taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, u għandu aċċess għal akkwist konġunt ta' provvisti mediċi. L-UE qed tiffinanzja proġett ta' reżiljenza għall-kriżijiet tas-saħħa fil-Balkani tal-Punent u proġett ta' investiment biex tespandi l-isptar tat-tfal tal-università f'Belgrad.

F'termini ta' assistenza finanzjarja għall-iżvilupp tal-kapital uman taħt l-EIP, sa issa ġew approvati EUR 368 miljun taħt id-WBIF u impenjati fil-qafas ta' programmi bilaterali u multinazzjonali tal-IPA. Dan huwa mistenni li jingrana EUR 477 miljun addizzjonali minn sorsi oħra.

Is-sitt prijoritajiet tal-EIP huma sostnuti – u l-impatt tagħhom ġie amplifikat – mill-impenn tar-reġjun (u l-appoġġ tal-UE) biex jinholq Suq Reġjonali Komuni fil-Balkani tal-Punent, ibbażat fuq l-erba' libertajiet tal-moviment. Pass importanti lejn l-aħħar tal-2022 kienet il-konklużjoni ta' tliet ftehimiet dwar il-libertà tal-moviment tal-persuni fir-reġjun. L-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom tiffaċilita l-ivvjaġġar u r-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u ta' ċerti kwalifiki professjonali. L-UE qed tappoġġa l-iżvilupp tas-suq komuni permezz tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali u s-CEFTA.

Fl-aħħar nett, is-suċċess tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment jiddependi fuq l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki mis-sħab kollha fl-istat tad-dritt, il-finanzi pubbliċi u l-ġestjoni tal-investment, u t-trawwim ta' amministrazzjoni pubblika professjonali u effiċjenti.

Anness 3. Implimentazzjoni tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment (EIP) - ħarsa ġenerali għall-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia

Fl-2021, l-UE u l-ħames sħab tal-Lvant tagħha nedew **Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għas-Sħubija tal-Lvant**⁵ (EIP). L-għan tiegħu huwa li jappoġġa l-irkupru ekonomiku wara sentejn ta' kriżi tas-saħħa li kkawżat ħsara soċjali u ekonomika. Il-pjan għandu wkoll l-għan li jwassal għat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali meħtieġa għall-ħolqien ta' ekonomiji innovattivi, ambjentalment sostenibbli, soċjalment inklużivi u reżiljenti.

Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-EIP kiseb sinifikat soċjoekonomiku u rilevanza politika kompletament ġdida. Sar parti integrali mir-rispons tal-UE għall-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna billi pprova l-likwidità u mmobilizza l-investimenti meħtieġa biex jgħin lill-ekonomija tal-Ukrajna - u tal-Moldova - tibqa' għaddejja. L-EIP hu wkoll parti mill-appoġġ tal-UE għall-integrazzjoni ta' dawn iż-żewġ pajjiżi - kif ukoll il-Georgia - fl-ekonomija u fis-swieq tal-enerġija, diġitali u tat-trasport tal-UE. Huwa mekkaniżmu ewlieni biex jiffaċilita l-isforzi ta' adeżjoni tagħhom u jisfruttaw il-benefiċċji tal-integrazzjoni Ewropea.

L-ambizzjoni tal-pjan hija li jimmobilizza sa EUR 17-il biljun ta' investiment fir-reġjun fl-2021–2027 billi jingrana EUR 2,3 biljun f'għotjiet u garanziji tal-UE. Il-miżuri ta' politika ta' appoġġ u l-appoġġ tekniku huma wkoll parti mill-implimentazzjoni tal-EIP.

Sa Settembru 2023, ammont totali ta' EUR 6,2 biljun kien ġie mobilizzat permezz ta' għotjiet bilaterali u reġjonali, operazzjonijiet ta' taħlit u garanziji b'appoġġ għall-prijoritajiet tal-EIP fl-Ukrajna, fil-Moldova u fil-Georgia. EUR 3,5 biljun minn dan l-ammont huma biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' proġetti ewlenin tal-pajjiżi. L-għadd ta' investimenti mobilizzati sa issa taħt l-EIP jirrappreżenta 40 % tal-ammont fil-mira ta' EUR 17-il biljun ta' investimenti li għandhom jiġu mobilizzati. Fl-ewwel nofs tal-2023, l-investiment mobilizzat bis-saħħa tal-pjan żdied b'mod rapidu. Bil-konklużjoni ta' ftehimiet ta' garanzija ġodda ma' istituzzjonijiet finanzjarji sħab fil-qafas tal-istrument EFSD+, l-implimentazzjoni tal-pjan hija mistennija li tkompli taċċellera.

Trasport sostenibbli

Il-konnettività tat-trasport sostenibbli ilha prijorità ewlenija fir-reġjun minn mindu s-Sħubija tal-Lvant tnediet fl-2009. F'Diċembru 2021, l-UE u s-sħab tal-Lvant tagħha ġedded l-impenn tagħhom li jsaħħu l-konnessjonijiet ewlenin tat-trasport, b'enfasi fuq in-network ewlieni indikattiv estiż tat-TEN-T, inklużi l-konnessjonijiet fil-Baħar l-Iswed. It-titjib tal-konnessjonijiet ewlenin bl-ajru, bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar u fil-passaġġi fuq l-ilma intern għandu potenzjal enormi biex jstimula l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, l-integrazzjoni tas-suq u l-kummerċ transfruntier fir-reġjun u bejn ir-reġjun u l-UE. Mill-2021, ġew mobilizzati EUR 1,2 biljun b'appoġġ għall-konnettività tat-trasport.

Fl-Ukrajna u fil-Moldova, l-UE ilha tonora l-impenn tagħha li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-**inizjattiva tal-Korsiji ta' Solidarjetà** bejn l-UE u l-Ukrajna. Il-korsiji ta' solidarjetà huma assi tat-trasport ta' prijorità, li jgħaqqdu lill-Ukrajna u lill-Moldova mal-UE. Dawn huma r-rotta ewlenija għall-kummerċ ta' oġġetti essenzjali mill-Ukrajna u lejha, u saru indispensabbli għall-ekonomija tal-pajjiż. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri tal-UE, l-Ukrajna, il-Moldova, is-sħab u l-kumpaniji internazzjonali, kif ukoll mal-operaturi tat-trasport biex tespandi u ttejjeb il-funzjonament tal-korsiji ta' solidarjetà. Il-Kummissjoni qed tiffoka fuq it-tnaqqis tal-ispejjeż tat-trasport u tal-loġistika tul il-korsiji ta' solidarjetà

⁵ [SWD\(2021\) 186 final](#).

permezz ta' proċeduri simplifikati, bit-titjib tal-infrastruttura u bl-użu tal-potenzjal sħiħ tarrotot kollha. F'dan il-kuntest, disa' proġetti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, b'appoġġ totali tal-UE ta' kważi EUR 250 miljun, se jtejbju l-punti transfruntiera ferrovjarji u tat-toroq bejn Stati Membri ġirien tal-UE (l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja) u l-Ukrajna u l-Moldova.

Fl-2022, il-Kummissjoni ħadmet flimkien mal-awtoritajiet tal-Moldova, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) biex tappoġġa r-riabilitazzjoni tal-assi ferrovjarju **Tramuntana-Nofsinhar**. L-objettiv ewlieni huwa li titjeb il-kapaċità tan-network ferrovjarju tal-Moldova li jkopri madwar 128 km fuq il-kuritur Vălcineț-Ocnița-Ungheni-Chișinău-Căinari, b'mod partikolari f'termini ta' normi ta' piż u veloċità tal-ivvjaġġar. Dan jżied mal-investimenti fuq terminu qasir li għandhom l-għan li jtejbju malajr il-punt ewlieni ta' qsim tal-fruntiera tat-triq bejn l-Ukrajna u s-Slovakkja u biex jinxtara tagħmir, bħal skeners u ġeneraturi, għal punti ta' qsim tal-fruntiera ta' prijorità bejn l-Ukrajna u l-Istati Membri tal-UE. Il-Kummissjoni mmobilizzat EUR 20 miljun f'għotjiet permezz tal-Istrument tal-Politika Barranija flimkien ma' self ta' EUR 12-il miljun mill-BERŻ.

Fil-Georgia, l-UE u l-BEI komplew jinvestu fl-awtostrada **bejn il-Lvant u l-Punent** b'enfasi fuq "black spots", li huma partijiet mit-triq fejn l-għadd ta' inċidenti tat-traffiku u fatalitajiet huwa partikolarment għoli. L-UE u l-BEI se jkomplu jappoġġaw l-iżvilupp ta' dan il-kuritur kruċjali b'ammont totali ta' EUR 446 miljun (inklużi EUR 16,8-il miljun f'għotjiet). B'appoġġ għall-inizjattiva ewlenija 2 fil-Georgia, l-UE nediet ukoll studju komprensiv ta' fattibbiltà biex tivvaluta l-vijabbiltà kummerċjali ta' linji addizzjonali ta' laneċ/alimentazzjoni biex jgħaqqdu lill-Georgia mal-Bulgarija permezz tal-Baħar l-Iswed.

F'Novembru 2022, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia saru parteċipanti osservaturi fil-korpi tal-**Komunità tat-Trasport**. Dan se jġib benefiċċji konkreti għall-pajjiżi f'termini **tal-implimentazzjoni tal-acquis rilevanti tal-UE dwar it-trasport** u l-iżvilupp tan-network indikattiv tat-TEN-T fit-territorji tagħhom, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin mas-sħab reġjonali tal-Balkani tal-Punent u l-Istati Membri tal-UE. Is-Segretarjat Permanenti tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (Transport Community Treaty, TCT) diġà beda jinvolvi ruħu mal-parteċipanti osservaturi f'diversi livelli biex jintroduċihom fil-ħidma tal-Komunità tat-Trasport, jinvolvihom fil-ħidma tal-kumitati tekniċi tat-TCT u jagħti bidu għall-ħidma fuq uħud mir-riżultati ewlenin tat-TCT (bħall-pjanijiet ta' azzjoni dwar il-ferroviji, it-toroq, is-sikurezza fit-toroq, il-faċilitazzjoni tat-trasport, it-trasport fuq l-ilma u l-multimodalità).

Il-Moldova u l-Ukrajna saru sħab fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa f'Mejju u Ġunju 2023, rispettivament. Dan jenħtieġ li jwassal għal kooperazzjoni msaħħa fis-settur tat-trasport u jappoġġa l-implimentazzjoni tat-TEN-T estiż.

Faċilitazzjoni tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament

Mit-tnedija tal-EIP 'l hawn, l-UE appoġġat b'mod attiv l-isforzi tas-sħab tal-Lvant tagħha biex jagħtu spinta lill-ekonomiji tagħhom wara sentejn diffiċli ħafna ta' lockdowns u tfixkil fil-kummerċ minħabba l-COVID-19. L-UE tat attenzjoni partikolari biex tindirizza l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-MSMEs billi mmobilizzat EUR 1,5 biljun f'linji ta' kreditu u servizzi ta' konsulenza għan-negozju biex tgħinhom jerġgħu jibdedw l-attività, jirkupraw ishma mis-suq mitlufa u jiddiġitalizzaw u jimmodernizzaw l-operazzjonijiet tagħhom. Il-linji ta' kreditu appoġġati mill-UE joffru termini ta' self aħjar għall-MSMEs, b'mod partikolari billi jipponu maturitajiet itwal, rekwiżiti tal-kollateral imnaqqsa, assistenza teknika mfassla apposta u inċentivi għall-investment. L-UE, f'kooperazzjoni mal-BGK, iprovdiet lill-

Ukrajna garanzija ta' EUR 10 miljun biex tippermetti self mill-ġdid lill-SMEs li ma jikkwalifikawx għal finanzjament ġdid minħabba riskji relatati mal-gwerra li għaddejja.

Faċilitazzjoni tal-kummerċ

F'Ottubru 2022, l-UE nediet il-**Helpdesk tal-Kummerċ tas-Sħubija tal-Lvant**, li għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess tal-kumpaniji għal informazzjoni relatata mal-kummerċ. Il-Helpdesk huwa portal online b'aċċess dettaljat għall-informazzjoni tas-suq (regolamenti applikabbli dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni, miżuri tariffarji u mhux tariffarji, dazji, taxxi, proċeduri, eċċ.), statistika kummerċjali u għarfien analitiku dwar il-potenzjal tas-swieq nazzjonali tal-UE u tas-SL. Saru sħarriġiet ta' miżuri mhux tariffarji (regolatorji, proċedurali) f'kull pajjiż sabiex jiġu identifikati l-ostakli għall-kummerċ f'oġġetti u servizzi u jiġu pprovduti rakkomandazzjonijiet biex dawn jingħelbu.

L-implimentazzjoni tal-proġett **EU4Business: Connecting Companies** kompliet fl-2022 u fil-bidu tal-2023. Il-proġett għandu l-għan li jipromwovi r-relazzjonijiet kummerċjali u s-sħubijiet tan-negozju fil-pajjiżi sħab tal-Lvant billi jibni pontijiet bejn l-SMEs u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għan-negozji (business support organisations, BSOs) fl-UE u l-pari tagħhom tas-Sħubija tal-Lvant. Ġiet żviluppata skema ta' mobbiltà li biha huma possibbli skambji bejn l-SMEs u l-BSOs miż-żewġ reġjuni.

Enerġija sostenibbli u dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija

Mit-tnedija tal-EIP 'l hawn sar progress sinifikanti fil-qasam b'importanza kruċjali tal-enerġija sostenibbli, fejn EUR 1,6 biljun ta' investimenti diġà ġew mobilizzati fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant.

Fl-2022, il-programm EU4Energy kompla jgħin lill-Ukrajna, lill-Moldova, u lill-Georgia jibnu l-oqfsa legali u regolatorji tagħhom tal-enerġija. Il-programm għen ukoll lis-sħab tal-Lvant joħlqu ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli u taħlitiet ta' enerġija aktar ekoloġiċi. Il-programm kellu rwol ċentrali fl-assistenza **lill-Ukrajna u lill-Moldova** fil-proċess ta' wara s-sinkronizzazzjoni tan-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni. Għen ukoll lill-Ukrajna fir-rikostruzzjoni li għaddejja tas-sistema tal-enerġija tagħha, filwaqt li kkontribwixxa għas-sigurtà tal-provvista fir-reġjun.

Saret kooperazzjoni mal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (International Renewable Energy Agency, IRENA). Fil-kuntest tagħha kellhom jiġu identifikati l-kundizzjonijiet u l-ostakli għall-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.

Fl-**Ukrajna**, l-inizjattiva ewlenija appoġġata mill-UE tal-Fond għall-Effiċjenza Enerġetika (EEF) (EUR 104 miljun koperti mill-UE) kompliet timplimenta b'suċċess il-programm tagħha ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'binjiet b'diversi multipli. Sal-aħħar ta' Marzu 2023, l-EEF involva kważi 80 000 unità domestika, b'261 proġett ikkompletati kompletament jew parzjalment f'binjiet b'diversi appartamenti (aktar minn 80 % minnhom kienu rinnovazzjonijiet profondi). Fl-2022, l-EEF introduċa programm ġdid ta' "restawr", li jappoġġa t-tiswijiet rapidi ta' bini residenzjali li saritlu ħsara mhux strutturali fil-gwerra.

Bħala parti mis-Sħubija għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Ambjent tal-Ewropa tal-Lvant (Eastern Europe Energy Efficiency and Environment Partnership, E5P), l-UE kkofinanzjat diversi proġetti mmexxija mill-BERŻ dwar l-effiċjenza enerġetika u t-tiġin distrettwali fl-**Ukrajna**. Il-proġetti dwar ir-riabilitazzjoni tat-tiġin distrettwali jkopru Zhytomyr, Ternopil, Lviv, Lutsk u Chernivtsi b'baġit totali ta' madwar EUR 110 miljun u kontribuzzjoni ta' self tal-BERŻ ta' EUR 48 miljun. Il-proġetti tal-effiċjenza enerġetika għall-bini pubbliku ta' Dnipro għadhom għaddejjin b'baġit ta' EUR 39 miljun, inkluża kontribuzzjoni ta' self tal-

BERŻ ta' EUR 20 miljun. F'Marzu 2023, il-BEI nieda programm ġdid kbir għar-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku fl-Ukrajna (sa 1 000 spatar u skola) b'għotjiet mill-UE u mill-programm E5P. Dan issa se jkopri wkoll aspetti mhux ta' effiċjenza enerġetika bħal postijiet ta' kenn għall-bombi, miżuri aħjar ta' sikurezza kontra n-nar u aċċess imtejjeb għal persuni b'diżabbiltà. Linja ta' ħidma importanti, li bdiet fl-2022 u għadha għaddejja, tinkludi żewġ programmi ta' assistenza ta' emerġenza ffinanzjati mill-UE għal akkomodazzjoni għal persuni spostati internament.

Fil-**Moldova**, il-programm tal-effiċjenza enerġetika ġie ffirmat fl-2022 (iffinanzjat minn għotja ta' EUR 15-il miljun u żewġ selfiet ta' EUR 30 miljun mill-BERŻ u l-BEI). Dan hu l-ewwel inizjattiva nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika fil-Moldova. Il-kategoriji ewlenin ta' binjiet fil-mira tal-programm huma binjiet pubbliċi li huma proprjetà tal-istat u/jew tal-muniċipalitajiet. L-investment totali huwa stmat għal madwar EUR 94 miljun. Il-programm dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini pubbliku f'Chisinau, iffinanzjat taħt il-programm E5P, daħal fit-tieni fażi ta' implimentazzjoni tiegħu u għandu l-għan li jirrinova 119-il binja pubblika. Il-fażi 1 tat-tisħin distrettwali Balti (baġit totali ta' EUR 11-il miljun, self tal-BERŻ ta' EUR 7 miljun) tlestiet, u l-fażi 2 qed tibda (baġit totali ta' EUR 18-il miljun, self ta' EUR 14-il miljun mill-BERŻ).

Fil-**Georgia**, proġett ta' ġemellaġġ mal-kummissjoni regolatorja tal-enerġija, implimentat minn konsorzju mmexxi mill-Awstrija u l-Ġermanja, intemm f'April 2023. Dan kopra attivitajiet għall-promozzjoni tal-iżvilupp tas-suq tal-enerġija, inkluż il-promozzjoni tar-rwol tar-Regolatur Nazzjonali Georgjan tal-Provvista tal-Enerġija u tal-Ilma fir-regolamentazzjoni tas-suq, l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Fl-2021-2022, ġie pprovdut appoġġ tal-UE li jammonta għal EUR 135 miljun lill-Moldova biex il-klassijiet l-aktar vulnerabbli tal-popolazzjoni jindirizzaw iż-żieda fl-ispejjeż tal-enerġija u insostenn tal-irkupru soċjoekonomiku fit-tul tal-pajjiż, is-sigurtà tal-enerġija u t-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-Fond ta' Appoġġ għall-Enerġija tal-**Ukrajna**, ġestit mis-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija u kopresedut mill-Kummissjoni Ewropea, iffinanzja t-twassil ta' tagħmir avanzat tal-gass b'valur ta' kważi EUR 7,6 miljun lill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass tal-Ukrajna għar-restawr tal-faċilitajiet li ġarrbu ħsara u ta' dawk f'territorji liberati.

Fil-**Georgia**, bl-E5P ġie implimentat proġett ta' effiċjenza enerġetika għall-iskejjel fir-reġjuni muntanjużi (għotja ta' EUR 2,6 miljun). Programm parallel għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini pubbliku, appoġġat minn għotja ta' EUR 13-il miljun mill-UE, huwa implimentat mill-KfW u l-BERŻ.

Iċ-Ċentru Finanzjarju u ta' Trasferiment Teknoloġiku għat-Tibdil fil-Klima - it-tieqa EU4Climate, immexxi mill-BERŻ, jgħin lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja jnaqqsu l-impatt tagħhom fuq l-ambjent kif ukoll l-ispejjeż tal-enerġija u tal-ilma tagħhom billi jadottaw teknoloġiji innovattivi u ekoloġiċi.

Il-programm **EU4Climate** li għaddej bħalissa għen lill-pajjiżi sħab itejbu l-politiki dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u jimxu lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Tnieda proġett ġdid mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bħala sieħeb ta' implimentazzjoni biex jgħin **lill-Georgia, lill-Moldova u lill-Ukrajna** jistabbilixxu sistema ta' governanza effettiva għall-azzjoni klimatika.

Ġestjoni tal-assi naturali, klima u ambjent

Fl-2022, l-investment fl-ekonomija ċirkolari bbenefika minn finanzjament li ġie żblukkat permezz tal-għajnuna għall-SMEs. Dan kien akkumpanjat minn appoġġ regolatorju u servizzi ta' konsulenza għan-negozji, primarjament ipprovduti fil-qafas tal-programm

EU4Environment. Fl-Ukrajna, l-UE kompliet tappoġġa l-ħolqien ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi (extended producer responsibility, EPR) għal diversi flussi ta' skart. Barra minn hekk, ġew iffinalizzati mapep tal-iskart industrijali għal reġjuni fil-Georgia u fl-Ukrajna. Fil-Moldova, tlestew il-valutazzjonijiet tal-prefattibbiltà għat-trasformazzjoni taż-Żona Ekonomika Ħielsa ta' Valkanes u l-Park Industrijali ta' Tracom f'parks ekoindustrijali. Fil-Moldova, tlestiet valutazzjoni tal-mekkaniżmi eżistenti tal-EPR u nġataw rakkomandazzjonijiet ta' politika. Dawn kienu jinkludu rakkomandazzjonijiet biex jitjeb il-qafas legali dwar l-implimentazzjoni tal-EPR għall-iskart minn tagħmir elettriku u elettroniku u l-iskart ta' batteriji. Fir-rigward tal-appoġġ regolatorju, il-Georgia rċeviet assistenza biex taġġorna l-istrateġija nazzjonali tagħha tal-iskart għall-2016-2030 u tiżviluppa pjan nazzjonali ġdid għall-immaniġġjar tal-iskart għall-2022-2026. Il-Gvern adotta dawn id-dokumenti f'Awwiisu 2022. Dawn jinkludu miri aġġornati, jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-iskart bijodegradabbli u perikoluż, u jiddeskrivu r-rekwiżiti għall-iskemi tal-EPR.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' għajjuna ta' konsulenza, ġew żviluppati valutazzjonijiet u pjanijiet direzzjonali ta' ekoinnovazzjoni għal ħames SMEs mis-setturi tal-inbid u tal-ħwejjeġ fil-Moldova bis-saħħa tal-kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Intraprenditorija. Tmien SMEs Georgjani mis-setturi tal-agrikoltura u tal-ospitalità nġataw appoġġ konsultattiv simili. Il-prodotti ta' tliet kumpaniji orjentati lejn l-esportazzjoni fl-Ukrajna u ħames kumpaniji orjentati lejn l-esportazzjoni fil-Georgia qed jiġu vvalutati bil-metodoloġija tal-impronta ambjentali tal-prodott.

L-infrastruttura tal-ilma fl-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia kienet nieqsa b'mod kroniku minn investiment kapitali, manutenzjoni u tiswija. Għalhekk, l-EIP ikompli jtejjeb il-provvista tal-ilma u s-sanità u jikkontribwixxi biex jiġu prattikati l-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. Bl-appoġġ tal-UE qed isiru diversi proġetti ta' investiment fl-Ukrajna, fil-Moldova u fil-Georgia. Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, il-finanzjament tal-UE għen lil 6,9 miljun persuna fl-Ukrajna jergħu jiksbu aċċess għal ilma nadif. L-UE ingranat il-finanzjament għall-investiment fl-infrastruttura tal-ilma f'kooperazzjoni ma' diversi istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, inklużi l-AFD, il-BEI, il-BERŻ, il-KfW, u l-NEFCO.

Sabiex jiġi pprovdut appoġġ tekniku għar-riforma u l-investiment fis-settur tal-ilma, l-implimentazzjoni tal-programm EU4Environment — Water and Data tnediet kmieni fl-2022 u pproduċiet l-ewwel riżultati tiegħu. Il-proċess ta' djalogi ta' politika nazzjonali dwar l-ilma reġa' nbeda fil-pajjiżi sħab kollha. Taħt il-programm, l-iżvilupp ta' pjanijiet ġodda ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara tnedia fil-Georgia, u tkomplet il-ħidma fuq il-pjan ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara Dnipro fl-Ukrajna. L-appoġġ għall-identifikazzjoni tal-investimenti fil-forestrija, fil-bijodiversità u fil-protezzjoni tan-natura jinsab fil-fażi tal-bidu. Madankollu, saru avvanzi f'dak il-qasam mill-Ukrajna u l-Moldova permezz tal-adeżjoni tagħhom mal-Programm LIFE tal-UE.

L-appoġġ biex jiġu identifikati l-investimenti fil-forestrija u fiż-żoni protetti jinsab fil-fażi tal-bidu.

Infrastruttura diġitali u servizzi

Permezz tal-EIP, l-UE impenjat ruħha li timmobilizza sa **EUR 1,5 biljun f'investiment pubbliku u privat** biex tappoġġja t-trasformazzjoni diġitali tar-reġjun f'konformità mal-istandards tal-UE. Il-pjan jipprevedi wkoll sett ta' **inizjattivi ewlenin** relatati mal-konnettività diġitali, li ġew identifikati b'mod konġunt bħala prijoritajiet ta' investiment mas-sħab tal-Lvant. Dawn il-proġetti jikkontribwixxu għall-**istrateġija usa' tal-Global Gateway**.

Mit-tnedija tal-EIP, l-UE ħadmet b'mod attiv mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u internazzjonali, l-Istati Membri tal-UE u s-settur privat biex tappoġġa proġetti diġitali fir-reġjun. Dan jinkludi l-introduzzjoni ta' internet veloċi u affordabbli fiż-żoni rurali fil-**Georgia** kif ukoll it-tħejjija tal-pedamenti għall-bini ta' kejbil diġitali li jgħaqqad l-UE mal-Georgia u r-reġjun tal-Kawkasu tan-Nofsinhar mill-Baħar l-Iswed. L-involvement tal-UE f'dawn il-proġetti kien kruċjali biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-istandards diġitali tal-UE, b'mod partikolari dwar iċ-ċibersigurtà (sett ta' għodod tal-5G) u l-aċċess miftuħ għall-internet.

Fil-qasam tal-**ekonomija diġitali**, bħala parti mill-inizjattiva EU4Digital, ġew implimentati disa' attivitajiet pilota bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia dwar il-kummerċ elettroniku, id-dwana elettronika u l-firma elettronika biex jittejjeb l-aċċess għas-suq uniku diġitali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ffaċilitat il-konklużjoni ta' **arranġamenti volontarji tar-roaming** bejn l-operaturi tat-telekomunikazzjoni fl-UE u fl-**Ukrajna** u fil-**Moldova**, li jipprovdu benefiċċji tanġibbli għall-pubbliku u għan-negozji.

Ġew żviluppati **strateġiji nazzjonali tal-broadband** fil-**Moldova** u fil-**Georgia** biex jiffaċilitaw l-investimenti f'internet b'veloċità għolja u affordabbli fir-reġjun. Dan kien jinkludi koinvestment ta' EUR 70 miljun mill-BEI u l-Bank Dinji fil-Georgia biex jiġi introdott il-broadband fil-komunitajiet rurali. Il-prezz tal-konnettività internazzjonali għall-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni naqas b'70 % f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, ġew stabbiliti żewġ awtostradi diġitali ultraveloċi (sa 400 Gbps) bejn l-UE, il-**Moldova** u l-**Ukrajna** biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluża l-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa.

Fl-Ukrajna, il-finanzjament addizzjonali mobilizzat mill-bidu tal-aggressjoni Russa appoġġja t-trasformazzjoni diġitali reżiljenti tal-pajjiż, inkluż l-interoperabbiltà tar-reġistri, l-identità elettronika allinjata mal-istandards tal-UE u l-back-ups tad-*data*. L-appoġġ qed jgħin ukoll biex il-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna tiġi allinjata mal-*acquis* rilevanti tal-UE dwar it-telekomunikazzjoni tar-roaming sabiex il-pajjiż ikun jista' jissieħeb fiż-żona tal-UE tar-roaming daqslikieku f'pajjiżhom.

Is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa

Fil-**Moldova**, proġett ta' skjerament tal-vaċċini bejn l-UE u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ipprovda appoġġ tekniku lill-Ministeru tas-Saħħa u lil partijiet ikkonċernati oħra fl-iżvilupp ta' pjanijiet għat-twassil tas-servizzi tat-tilqim, pjanijiet ta' kontinġenza nazzjonali għall-immunizzazzjoni u valutazzjoni tar-riskju fil-kuntest tal-pajjiż li jilqa' lir-refuġjati. Ġew allokati riżorsi għax-xiri tal-katina tal-kesħa u tat-tagħmir tal-IT. Dan kien jinkludi kompjuters u tagħmir għall-imħażen nazzjonali u 10 imħażen reġjonali tat-tilqim, u 15-il vettura għal żjarat ta' superviżjoni ta' appoġġ mill-Aġenzija Nazzjonali għas-Saħħa Pubblika. L-UE appoġġat kampanji ta' komunikazzjoni f'10 mis-37 distrett bl-aktar kopertura baxxa tat-tilqim.

Fil-**Georgia**, ġiet ipprovduta assistenza teknika ffukata biex jiġi żviluppat protokoll għal riċerka formattiva kwalitattiva dwar l-immunizzazzjoni u pakkett ta' taħriġ integrat għall-persunal tal-kura tas-saħħa dwar l-immunizzazzjoni ta' rutina u t-tilqim kontra l-COVID-19. Il-proġett UE-WHO wassal ukoll tagħmir tal-katina tal-kesħa biex tissaħħaħ l-infrastruttura tal-ħżin tal-vaċċini fil-livelli nazzjonali u distrettwali.

Kapital uman

L-appoġġ għar-riforma tal-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni primarja, għolja u vokazzjonali, it-taħriġ professjonali u t-tagħlim tul il-ħajja, huwa fokus ewlieni tal-EIP. L-għoti ta' opportunitajiet għal skambji taż-żgħażaġh u tal-istudenti (eż. permezz ta' Erasmus+) u

investiment aktar b'saħħtu fil-kapaċità tar-riċerka huma partijiet ċentrali tal-appoġġ tal-EIP għall-iżvilupp tal-kapital uman.

Dwar l-iskambji tal-istudenti, 3 507 student mill-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia setgħu jistudjaw f'universitajiet mill-UE fl-2022, u 429 student setgħu jistudjaw f'waħda mit-tliet universitajiet tal-pajjiżi. Total ta' 2 504 membru tal-persunal akkademiku setgħu jkollu qattgħu żmien f'università Ewropea oħra, u 1 864 membru tal-persunal akkademiku qattgħu żmien f'waħda mit-tliet universitajiet tal-pajjiżi.

Fl-**Ukrajna**, l-UE ilha żmien twil tappoġġa s-settur tal-edukazzjoni, li bejn wieħed u ieħor huwa maqsum f'erba' oqsma: appoġġ għall-edukazzjoni primarja/sekondarja u r-riforma tal-“Iskola Ukrena Ġdida” (EUR 2 miljun); appoġġ għar-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) (EUR 16-il miljun bħala assistenza teknika) u r-rinnovazzjoni (EUR 21 miljun); u appoġġ għall-edukazzjoni għolja permezz ta' għotjiet lil universitajiet spostati fl-2014 minħabba l-aggressjoni Russa fil-Lvant tal-Ukrajna (diversi għotjiet, EUR 10 miljun).

Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna wasslet għal **aġġustament mill-ġdid tal-appoġġ eżistenti** u prijoritajiet addizzjonali biex ikun jista' jingħata appoġġ ta' emerġenza (pereżempju, ġeneraturi tal-elettriku għall-iskejjel tal-VET). Barra minn hekk, l-UE: (i) faċilitajiet tal-iskejjel riabilitati - EUR 66 miljun ipprovduti f'appoġġ baġitarju (flimkien ma' EUR 34 miljun permezz ta' proġetti ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea); (ii) xarabanks tal-iskola akkwistati (EUR 14-il miljun); u (iii) taħt il-U-LEAD mal-Ewropa Fażi II: Ir-Riabilitazzjoni tal-Iskejjel Lokali għar-Reżiljenza, ipprovdiet EUR 5 miljun biex il-muniċipalitajiet affettwati mill-gwerra jagħmlu fornituri reżiljenti ta' servizzi pubbliċi lokali, b'mod partikolari l-edukazzjoni, biex jittaffa l-impatt lokali tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Fl-2022, l-UE allokat EUR 12-il miljun b'appoġġ għall-edukazzjoni u l-impjiegi fil-Moldova, li minnhom EUR 10 miljun iffukaw fuq l-edukazzjoni biex jittajju l-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja għal kulħadd. L-ammont l-ieħor ta' EUR 2 miljun kellu l-għan li jtejjeb il-qafas legali, il-politiki u l-kapaċità għal aċċess akbar għas-suq tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fil-pajjiż.

Fil-Georgia, il-programm tal-iżvilupp tal-ħiliet u t-tlaqqiġ tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol (EUR 48.5 miljun) għandu l-għan li jappoġġa t-tiħiħ tal-ħiliet biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-settur privat billi tiżdied il-kwalità tal-ETV. Fl-2022, ġew żborżati EUR 7 miljun taħt il-parti tal-appoġġ baġitarju ta' dan il-programm. Sar progress partikolari bl-introduzzjoni ta' metodoloġija ġdida għall-iżvilupp tal-kwalifiki tal-ETV biex is-sistema tal-Ġeorġja titqarreb lejn l-istandards tal-UE u dawk internazzjonali.

Indiċijiet	INDIKATURI TA' PARTIJET TERZI RELATATI MAL-ISTATUS TAD-DEMOKRAZIJA, IL-GOVERNANZA TAJBA U L-ISTAT TAD-DRITT FIL-PAJJIŻI KANDIDATI U L-KANDIDATI POTENZJALI ⁶									
	L-Albanija	Il-Bożnija-Herzegovina	Il-Kosovo	Il-Maċedonja ta' Fuq	Il-Montenegro	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Georgia	Il-Moldova	L-Ukrajna
Nazzjonijiet fi Tranżitu 2023 - Punteġġi tad-Demokrazija, Freedom House https://freedomhouse.org/count-ries/nations-transit/scores	Punteġġ totali: 46/100 (2022: 46/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Punteġġ totali: 37/100 (2022: 38/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Punteġġ totali: 38/100 (2022: 38/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Punteġġ totali: 48/100 (2022: 47/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Punteġġ totali: 46/100 (2022: 47/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Punteġġ totali: 46/100 (2022: 46/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Mhux applikabbli	Punteġġ totali: 34/100 (2022: 35/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Punteġġ totali: 36/100 (2022: 35/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)	Punteġġ totali: 39/100 (2022: 39/100) Status: Reġim Tranżitorju jew Ibridu (2022: Reġim Tranżitorju jew Ibridu)
Libertà fid-Dinja 2023 - Punteġġ Globali tal-Libertà, Freedom House https://freedomhouse.org/count-ries/freedom-world/scores	Punteġġ totali: 67/100 (2022: 67/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 52/100 (2022: 53/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 60/100 (2022: 56/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 68/100 (2022: 67/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 67/100 (2022: 67/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 60/100 (2022: 62/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 32/100 (2022: 32/100) Status: Mhux ħieles (2022: Mhux ħieles)	Punteġġ totali: 58/100 (2022: 58/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 62/100 (2022: 62/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)	Punteġġ totali: 50/100 (2022: 61/100) Status: Parzjalment ħieles (2022: Parzjalment ħieles)
Indiċi tad-Demokrazija 2022 - The Economist Intelligence Unit https://www.eiu.com/n/campaigns/democracy-index-2022/	Punteġġ Globali: 6,41/10 (2021: 6,11/10) Klassifikazzjoni: 64/167 (2021: 68/167) Tip ta' reġim: Demokrazija difettuża (2021: Demokrazija difettuża)	Punteġġ Globali: 5,00/10 (2021: 5,04/10) Klassifikazzjoni: 97/167 (2021: 95/167) Tip ta' reġim: Reġim ibridu (2021: Reġim ibridu)	Mhux applikabbli	Punteġġ Globali: 6,10/10 (2021: 6,03/10) Klassifikazzjoni: 72/167 (2021: 73/167) Tip ta' reġim: Demokrazija difettuża (2021: Demokrazija difettuża)	Punteġġ Globali: 6,45/10 (2021: 6,02/10) Klassifikazzjoni: 61/167 (2021: 74/167) Tip ta' reġim: Demokrazija difettuża (2021: Demokrazija difettuża)	Punteġġ Globali: 6,33/10 (2021: 6,36/10) Klassifikazzjoni: 68/167 (2021: 63/167) Tip ta' reġim: Demokrazija difettuża (2021: Demokrazija difettuża)	Punteġġ Globali: 4,35/10 (2021: 4,35/10) Klassifikazzjoni: 103/167 (2021: 103/167) Tip ta' reġim: Reġim ibridu (2021: Reġim ibridu)	Punteġġ Globali: 5,20/10 (2021: 5,12/10) Klassifikazzjoni: 90/167 (2021: 91/167) Tip ta' reġim: Reġim ibridu (2021: Reġim ibridu)	Punteġġ Globali: 6,23/10 (2021: 6,10/10) Klassifikazzjoni: 69/167 (2021: 69/167) Tip ta' reġim: Demokrazija difettuża (2021: Demokrazija difettuża)	Punteġġ Globali: 5,42/10 (2021: 5,57/10) Klassifikazzjoni: 87/167 (2021: 86/167) Tip ta' reġim: Reġim ibridu (2021: Reġim ibridu)

⁶ It-tabella tippreżenta l-aħħar klassifikazzjoni u/jew punteġġi disponibbli minn partijiet terzi. Referenza addizzjonali għad-data mill-valutazzjoni preċedenti tidher bejn parentesi, meta disponibbli.

Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa 2023 - Reporters without borders https://rsf.org/en/index	Punteġġ Globali: 57,86/100 (2022: 56,41/100) Klassifikazzjoni: 96/180 (2022: 103/180)	Punteġġ Globali: 65,43/100 (2022: 65,64/100) Klassifikazzjoni: 64/180 (2022: 67/180)	Punteġġ Globali: 68,38/100 (2022: 67,00/100) Klassifikazzjoni: 56/180 (2022: 61/180)	Punteġġ Globali: 74,35/100 (2022: 68,44/100) Klassifikazzjoni: 38/180 (2022: 57/180)	Punteġġ Globali: 74,28/100 (2022: 66,54/100) Klassifikazzjoni: 39/180 (2022: 63/180)	Punteġġ Globali: 59,16/100 (2022: 61,51/100) Klassifikazzjoni: 91/180 (2022: 79/180)	Punteġġ Globali: 33,97/100 (2022: 41,25/100) Klassifikazzjoni: 165/180 (2022: 149/180)	Punteġġ Globali: 61,69/100 (2022: 59,30/100) Klassifikazzjoni: 77/180 (2022: 89/180)	Punteġġ Globali: 77,62/100 (2022: 73,47/100) Klassifikazzjoni: 28/180 (2022: 40/180)	Punteġġ Globali: 61,19/100 (2022: 55,76/100) Klassifikazzjoni: 79/180 (2022: 106/180)
Indiċi tal-Istat tad-Dritt 2022 - World Justice Project https://worldjusticeproject.org/rule-of-law-index/global/2022/	Punteġġ Globali: 0,49/1 (2021: 0,49/1) Klassifikazzjoni Globali: 87/140 (2021: 83/139)	Punteġġ Globali: 0,52/1 (2021: 0,52/1) Klassifikazzjoni Globali: 70/140 (2021: 72/139)	Punteġġ Globali: 0,56/1 (2021: 0,55/1) Klassifikazzjoni Globali: 57/140 (2021: 60/139)	Punteġġ Globali: 0,53/1 (2021: 0,53/1) Klassifikazzjoni Globali: 63/140 (2021: 64/139)	Mhux applikabbli	Punteġġ Globali: 0,49/1 (2021: 0,49/1) Klassifikazzjoni Globali: 83/140 (2021: 81/139)	Punteġġ Globali: 0,42/1 (2021: 0,42/1) Klassifikazzjoni Globali: 116/140 (2021: 117/139)	Punteġġ Globali: 0,60/1 (2021: 0,61/1) Klassifikazzjoni Globali: 49/140 (2021: 49/139)	Punteġġ Globali: 0,52/1 (2021: 0,51/1) Klassifikazzjoni Globali: 68/140 (2021: 73/139)	Punteġġ Globali: 0,50/1 (2021: 0,51/1) Klassifikazzjoni Globali: 76/140 (2021: 74/139)
Indikaturi ta' Governanza Dinjija 2022 – Rule of Law, The World Bank Group http://info.worldbank.org/governance/wgi/	Klassifika Perċentili: 47,17/100	Klassifika Perċentili: 41,5/100	Klassifika Perċentili: 39,62/100	Klassifika Perċentili: 50,00/100	Klassifika Perċentili: 48,58/100	Klassifika Perċentili: 49,06/100	Klassifika Perċentili: 36,79/100	Klassifika Perċentili: 56,60/100	Klassifika Perċentili: 41,98/100	Klassifika Perċentili: 18,87/100
Indikaturi ta' Governanza Dinjija 2022 – Governance Effectiveness, The World Bank Group http://info.worldbank.org/governance/wgi/	Klassifika Perċentili: 56,60/100	Klassifika Perċentili: 12,74/100	Klassifika Perċentili: 44,34/100	Klassifika Perċentili: 49,53/100	Klassifika Perċentili: 51,42/100	Klassifika Perċentili: 57,08/100	Klassifika Perċentili: 43,87/100	Klassifika Perċentili: 72,64/100	Klassifika Perċentili: 40,57/100	Klassifika Perċentili: 33,02/100
Indikaturi ta' Governanza Dinjija 2022 – Control of Corruption, The World Bank Group http://info.worldbank.org/governance/wgi/	Klassifika Perċentili: 38,68/100	Klassifika Perċentili: 25,94/100	Klassifika Perċentili: 47,17/100	Klassifika Perċentili: 43,87/100	Klassifika Perċentili: 50,94/100	Klassifika Perċentili: 35,38/100	Klassifika Perċentili: 34,91/100	Klassifika Perċentili: 72,17/100	Klassifika Perċentili: 42,92/100	Klassifika Perċentili: 29,25/100

Indiċi tal-Perċezzjonijiet tal-Korruzzjoni 2022 - Transparency International https://www.transparency.org/en/cpi/2022	Punteġġ: 36/100 (2021: 35/100) Klassifikazzjoni: 101/180 (2021: 110/180)	Punteġġ: 34/100 (2021: 35/100) Klassifikazzjoni: 110/180 (2021: 110/180)	Punteġġ: 41/100 (2021: 39/100) Klassifikazzjoni: 84/180 (2021: 87/180)	Punteġġ: 40/100 (2021: 39/100) Klassifikazzjoni: 85/180 (2021: 87/180)	Punteġġ: 45/100 (2021: 46/100) Klassifikazzjoni: 65/180 (2021: 64/180)	Punteġġ: 36/100 (2021: 38/100) Klassifikazzjoni: 101/180 (2021: 96/180)	Punteġġ: 36/100 (2021: 38/100) Klassifikazzjoni: 101/180 (2021: 96/180)	Punteġġ: 56/100 (2021: 55/100) Klassifikazzjoni: 41/180 (2021: 45/180)	Punteġġ: 39/100 (2021: 36/100) Klassifikazzjoni: 91/180 (2021: 105/180)	Punteġġ: 33/100 (2021: 32/100) Klassifikazzjoni: 116/180 (2021: 122/180)
--	--	--	--	--	--	---	---	--	---	--

DATA TA' STATISTIKA (mill-31/08/2023), parti 1 (Albanija — Montenegro)

Demografija	Nota	L-Albanija		Il-Bożnija-Herzegovina		Il-Kosovo		Il-Maçedonja ta' Fuq		Il-Montenegro		UE-27	
		2020	2021	2020	2021	2020	2021	2020	2021	2020	2021	2020	2021
Popolazzjoni totali (eluf)		2 846 s	2 830 s	:	:	1 782 s	1 798 s	2 076 s	2 069 s	622 s	621 s	447 485 s	447 001 bps
Sehem ta' 15-64 fil-popolazzjoni totali (%)		68,4 s	68,2 s	:	:	67,1 s	67,3 s	69,3 s	69,1 s	66,5 s	66,2 s	64,3 ps	64,1 bps
Rata kruda ta' bidla fil-popolazzjoni naturali (għal kull 1 000 abitant)		0,2	- 1,2	:	:	7,4 ep	:	- 3,2	- 5,1	- 0,3	- 3,4	- 2,5 ep	- 2,7 bep
Stennija tal-għomor fit-twelid, ġeneru maskili (snin)		75,2	73,6	:	:	:	:	72,2	71,1 b	73,2	70,8	77,5 ep	77,2 bep
Stennija tal-għomor fit-twelid, ġeneru femminili (snin)		79,6	77,7	:	:	:	:	76,7	75,5 b	78,8	77,0	83,2 ep	82,9 bep

Suq tax-xogħol	Nota	2020	2021	2020	2021	2020	2021	2020	2021	2020	2021	2020	2021
Rata ta' attività ekonomika għal persuni bejn l-etajiet ta' 20 u 64: il-proporzjon tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn 20 u 64 sena li hija ekonomikament attiva (%)													
Total	1) 2) 3) 4) 5) 6) 7)	75,3 ew	75,1 ew	62,3 bw	63,4 bw	42,9 w	43,9 w	70,5	70,5 w	67,2	64,7 w	77,6	78,4 b
